# l-aċċent

Pubblikazzjoni tad-Dipartiment tal-Malti tal-Kummissjoni Ewropea ◊ Numru 15 ◊ Jannar 2017

## L-EDITORJAL



Mal-ħarġa 15 qed nippreżentaw żewġ suppli-menti. Ma' dak tat-terminoloġija, għandna ieħor li jinkludi intervista mal-Prof. David Crystal li f'Ottubru ġie l-Lussemburgu bħala mistieden tal-Parlament Ewropew u kien il-kelliem ewlieni ta' seminar bl-isem: *Whose English?* Hemm tħaddet dwar kif u għaliex l-Ingliż sar lingwa globali, u kif qed jinbidel f'dawk il-pajjiżi li addottawh bħala lsienhom. Tim minn *l-aċċent* ħa l-opportunità li jintervistah fil-lobby tal-lukanda fejn kien qed jalloġġja.

Mad-daqqa t'għajn il-Prof. Crystal jidher wieħed mitluf fi ħsibijiet profondi. Bil-lejħa bajda li tfakkrek f'Aleksander Solzhenitsyn u b'dik il-ħarsa kemxejn miksura minn wara n-nuċċali, jagħti impressjoni ta' wieħed minn dawk il-professuri rasu fil-kotba u ħsibijietu f'affarijiet astratti. Imma malli jiftaħ ħalqu u jibda jitkellem dwar is-suġġett favorit tiegħu – il-lingwa – mill-ewwel tintebaħ kemm l-apparenza tista' tinganna. Wiċċu jixgħel u jitkellem b'passjoni liema bħalha dwar dak li jattirah fl-istudju tal-lingwa: id-diversità. Ir-ritmu u l-lingwaġġ li juża huma aktar ta' xandar milli ta' akkademiku u fil-fatt, kif tixhed il-websajt tiegħu, ix-xandir hu wieħed mix-xogħlijiet li jagħmel, flimkien ma' dak ta' lingwista, lettur, kittieb u editur. Persważi li se ssibu din l-intervista ferm interessanti.

Ir-rivista nnifisha tinkludi l-artikli dwar l-ortografija tal-Malti fl-ewwel taqsima fejn Mark Amaira jżomm l-appuntament tiegħu mal-qarrejja b'artiklu fuq l-infiss –ixx– li hu kontinwazzjoni ta' artiklu li deher fil-Ħarġa 13. It-taqsima dwar it-terminoloġija hi miżgħuda b'artikli interessanti li jolqtu t-temi legali, xjentifiċi u ekonomiċi. Fit-tielet taqsima Ivan Said, flimkien ma' Clare Vassallo, jagħmel analiżi tat-traduzzjonijiet għall-Malti ta' xogħlijiet ta' William Shakespeare hekk kif id-dinja din is-sena ċċelebrat għeluq l-400 sena minn mewtu. Stephanie Bugeja tagħti ħarsa fil-fond lejn it-tibdiliet li saru fl-ortografija Franċiża, bir-reżistenzi kollha li ġabu magħhom. Storja familjari sew għall-kuntest lokali.

Nagħlqu b'referenza għall-artiklu tat-terminologa Jeantide Naudi dwar il-Wiki Interistituzzjonali Malti: pjattaforma onlajn li fost l-oħrajn għandha l-għan li sservi ta' bażi għall-konsultazzjoni ma' esperti nazzjonali f'oqsma speċjalizzati rilevanti għat-traduzzjoni. Kull min hu interessat jissieħeb f'dan il-Wiki, hawnhekk se jsib l-istruzzjonijiet kollha biex jagħmel dan.

*Alan Delia, f'isem il-Bord Editorjali*

# IL-WERREJ

**BIR-REQQA**
**Il-lingwa miktuba u mitħaddta**

L-infiss -ixx- 3

Għaliex niktbu “**prietka**” bit-**t** u “**predikatur**” bid-**d** ladarba jiġu qraba ta’ xulxin? 5

L-applikazzjoni SwiftKey Keyboard issa bil-Malti wkoll 8

Niktbu “Ħa gost jara l-veduta” jew “Ħa gost jara ’l-veduta”? 9

**KELMA B’KELMA**
**It-terminoloġija**

L-utilità inutli tal-Malti xjentifiku 10

L-isfumaturi tad-dejn 14

Id-distinzjoni bejn “legali" u “ġuridiku” fit-traduzzjoni 19

Il-Wiki Interistituzzjonali Malti 24

**MILL-GĦATBA ’L BARRA**
**Aspetti oħra**

Lenti personali: il-karriera ta’ traduttur u/jew ta’ interpretu tal-konferenzi fl-istituzzjonijiet tal-UE 29

Giovanni Falzon: traduttur tas-Salmi 32

L-aħħar rettifiki fl-ortografija Franċiża 35

Shakespeare bil-Malti 39

**Ma’ din l-edizzjoni** –
Suppliment terminoloġiku dwar il-Politika Agrikola Komuni II
Suppliment speċjali: Intervista mal-Prof. David Crystal

**It-tim ta’ *l-aċċent***

**Koedituri**: Louise Vella, Alan Delia
**Distribuzzjoni**: Maryann Agius
**Impaġnar u disinn**: Alan Delia
**Qari tal-provi finali**: Marija Agius, Loredana Theuma, Claire Bonello
**Editur tal-istil**: Mark Amaira
**Segretarju Eżekuttiv**: Ivan Said
**Relazzjonijiet Pubbliċi**: David Schembri









# BIR-REQQA

*Il-lingwa miktuba u mitħaddta*

## L-infiss -ixx-

Mark Amaira

Bejnietna t-tradutturi spiss tqum il-mistoqsija dwar l-inflessjoni tal-verb 'stabbilixxa', l-aktar dwar l-infiss -ixx- li xi drabi jokkorri u xi drabi jistaħba. Fil-Malti l-inflessjoni tal-verbi mhix nieqsa mill-analiżi, u anki dwar dan l-infiss inkiteb mhux ħażin. Jixraq allura li fil-qosor ħafna niġbor uħud mill-ideat ewlenin.

L-aktar analiżi eżawrjenti fejn jidħol l-infiss -ixx- sibtha f'*Loan verbs in Maltese* ta' Mifsud (1995:169-181), u din taqbel sew mal-fehmiet tiegħi u mal-analiżi tal-ixx- ta' Hoberman u Aronoff (2003). Għalhekk jixraq li l-ideat ewlenin li se niġbor inserraħhom fuqha.




Mifsud jispjega li meta daħal fil-Malti, dan l-element żamm l-istess funzjoni li kellu fit-Taljan iżda beda jgħodd għas-sitwazzjoni tal-Malti. Jidher li ħafna drabi l-ixx- iġorr l-aċċent ewlieni meta dan ikun se jaqa' fuq iz-zokk tal-verb. L-aħjar jekk l-ispjegazzjoni naghtiha bl-eżempji.

Biex nieħu mill-eżempji li l-Prof. Mifsud jippreżenta fil-Forum tal-Qarrejja tal-Provi (grupp magħluq fil-Google Groups), fil-konjugazzjonijiet 'jiena ggarant**ejt**' u 'huma ggarant**ew**', l-aċċent jaqa' fuq l-**e** tas-suffiss u mhux fuq vokali taz-zokk -garant-, u għalhekk l-infiss -ixx- m'hemmx bżonnu. Iżda xi konjugazzjonijiet oħrajn tal-istess verb, bħal 'hu ggarant**ixx**a' u 'jien niggarant**ixx**i', jeħtieġu l-infiss -ixx- biex l-aċċent jaqa' fuqu fis-sillaba ta' qabel tal-aħħar u mhux fuq iz-zokk tal-verb, jiġifieri biex ma jaqax fuq it-tieni **a** taz-zokk -gar<u>a</u>nt-.

B'mod ġenerali jidher li din il-klassi żgħira ta' verbi tal-Malti jinfilzaw l-ixx- lejn tmiemhom meta jiġu kkonjugati fl-imperfett, eż. 'ninkoraġġixxi', 'tissuġġerixxi' u 'nittradixxu', u jixħtu l-aċċent fuqha, filwaqt li fil-perfett jidher li dawn il-verbi ma jeħtiġux l-infiss -ixx- eż. 'inkoraġġejt', 'issuġġeriet' u 'ttradew', ħlief fil-każ tal-mamma, jiġifieri fit-tielet

persuna maskili singular, eż. 'inkoraġġixxa', 'issuġġerixxa' u 'ttradixxa'.

Mifsud jispjega wkoll li, għall-istess raġuni tal-aċċent, jidher li l-infiss -ixx- mhux meħtieġ lanqas:

1) **fin-negattiv**, eż. jikkostitwixxi > ma jikkostitwix, u kkostitwixxa > ma kkostitwiex,

2) **meta jinhemeż pronom mehmuż**, eż. jikkostitwixxi > jikkostitwiha, u kkostitwixxa > kkostitwieha, u

3) **fil-każ tal-parteċipju passiv**, eż. jikkostitwixxi > ikkostitwit.

Bħalma hu mmarkat b'linja, minn dawn l-eżempji jidher li, għajr għall-infiss li jfeġġ jew jgħib, il-mudell tal-inflessjoni xorta jibqa' l-istess – fis-sens li fin-negattiv jew meta jinhemeż il-pronom, il-vokali **i** fit-tmiem tibqa' **i** meta jinhemeż is-suffiss, filwaqt li l-**a** ssir **ie**.

Huwa minnu li mhux kull kelliem nattiv skont l-idjolett tiegħu jaċċetta l-forom ta' Mifsud u l-bqija. Pereżempju wħud jaċċettaw 'ma ssuġġeriex', oħrajn jippreferu 'ma ssuġġerixxiex'.

F'dan l-artiklu ma rridx inħalli barra klassi oħra ta' verbi li jsemmi wkoll Mifsud (1995) u li donnhom jixbhu lill-verbi li trattajt f'dan l-artiklu għax jinkludu xi tip ta' -ixx- lejn tmiemhom. Fosthom hemm il-verbi 'sparixxa', 'abolixxa' u 'ssuplixxa'. Mifsud jagħraf, u anka skont l-idjolett tiegħi, li l-ixx ta' dawn il-verbi ma titlaq qatt, fl-ebda forma tal-konjugazzjoni, u għalhekk skontu prattikament saret parti ewlenija miz-zokk tal-verb.

*Mark Amaira hu traduttur mal-Kummissjoni Ewropea*

**Biblijografija**


Aquilina, Joseph. *The structure of Maltese: a study in mixed grammar and vocabulary*. Malta: l-Università Rjali ta' Malta, 1959.

Borg, Albert u Marie Azzopardi-Alexander. *Maltese*. London u New York: Routledge, 1997.

Hoberman, Robert D. u Mark Aronoff. "The verbal morphology of Maltese: from Semitic to Romance" (http://www.phil-fak.uni-duesseldorf.de/summerschool2002/Hoberman.pdf). F'*Language processing and acquisition in languages of semitic, root-based, morphology*, editjat minn Joseph Shimron. L-Istati Uniti: John Benjamins Publishing, 2003.

Mifsud, Manwel. *Loan verbs in Maltese: a descriptive and comparative study*. Leiden: E. J. Brill, 1995.

Shimron, Joseph, ed. *Language processing and acquisition in languages of semitic, root-based, morphology*. L-Istati Uniti: John Benjamins Publishing, 2003.


**Dwar l-infiss -ixx- konna ppubblikajna wkoll l-ispjega "Niktbu *ikkontribwew* jew *ikkontribwixxew*?" ta' Dr Michael Spagnol fil-ħarġa nru 13:** http://ec.europa.eu/translation/maltese/magazine/documents/issue_13_mt.pdf.

**Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti**

http://www.kunsilltalmalti.gov.mt/mistoqsijiet?id=91

# Għaliex niktbu "**prietka**" bit-**t** u "**predikatur**" bid-**d** ladarba jiġu qraba ta' xulxin?

Fil-Malti l-kliem niffurmawh b'żewġ modi ewlenin: jew bl-**għerq** jew biz-**zokk morfemiku**. Il-kliem ta' nisel semitiku (mill-Għarbi) għandu l-**GĦERQ**. Ir-regoli tal-għerq huma ċari: f'kull kelma li nnisslu minnu, il-konsonanti tiegħu normalment

(i) **jibqgħu l-istess** (l-ebda waħda ma ssir konsonanti oħra).[1]

Għalhekk niktbu dejjem **KTB** għalkemm xi konsonanti kultant jibdlu leħinhom (eż. kiteb [kitep], kitba [kidba], niktbu [nigdbu]).

(ii) **iżommu l-istess ordni** (ma jinqalbux bejniethom)[2] għax inkella jistgħu jew ma jinftehmux jew inkella jitħawdu ma' xi għerq ieħor.

Innota kif bl-istess tliet konsonanti **QRS**, ngħidu aħna, jinbnew ħames għeruq b'tifsir differenti għalkollox.

| | |
|---|---|
| **QRS** | (**qaras**, **qarsa**, **noqorsu**, **maqrus**, **qras**, **qarras**, **mqarras**, eċċ.) |
| **QSR** | (**qasir**, **qosor**, **qassar**, **tqassar**, eċċ.) |
| **RSQ** | (**resaq**, **tressaq**, **mressaq**, eċċ.) |
| **SQR** | (**seqer**, **isqra**, **ssaqqar**, eċċ.) |
| **SRQ** | (**seraq**, **serqa**, **tisraq**, **misruq**, eċċ.) |

Mela fil-Malti Semitiku l-unità tal-għerq tinżamm u ma tistax tinbidel.

Il-kliem ta' nisel rumanz, jiġifieri li daħal mill-Isqalli jew mit-Taljan (bħal **impjegat**, **ikkalkula**, **prietka** u **predikatur**) kif ukoll dak li ġej mill-Ingliż (bħal **jistrajkjaw** u **ċċekkjat**) ma jaħdimx bl-għerq. Għandu zokk[3] (bl-

[1] Issa din storikament ġieli nkisret għax xi konsonanti tal-għerq tkun inbidlet f'oħra mal-medda taż-żmien. L-aktar bidliet mifruxa f'dan is-sens seħħew meta l-Malti tilef jew bidel xi fonemi konsonantali tal-Għarbi (eż. **th** saret **t**, **rgħajn** saret **għajn**, eċċ.). Dawn kienu bidliet kbar u regolari fl-għeruq tal-Malti. Imma l-bidla ġieli seħħet f'xi kelma partikolari biss (eż. **th** saret **s** fil-passaġġ mill-Għarbi **thalġ** > Malti **silġ**, jew **f** fil-passaġġ **thu'lūla** > **felula**). Sinkronikament, hemm bidliet oħra li xi għeruq iġarrbu fit-tiswir tal-kliem imnissel (eż. l-**għ** tista' tinstema' u tinkiteb **j** fi kliem bħal **bqajt** (flok ***bqagħt**).

[2] Anke din in-norma ġieli tixxellef b'xi każi ta' metatesi (qlib bejn il-konsonanti). Għall-ewwel din tista' taħsad u ma tintlaqax, imma mbagħad tista' tindara u tinxtered; eż. **jinfaġar/jinfaraġ** (FĠR/FRĠ), **seffaq/saqqaf** (SFQ/SQF) **wiċċu**. Anzi ġieli ġara li l-ordni l-ġdida spiċċat tieħu post il-qadima; eż. flok l-Għarbi **nişf** (NŞF) illum ngħidu **nofs** (NFS). Każi oħra ta' metatesi nagħmluhom għall-ħeffa tal-kelma imma mhumiex aċċettati fil-kitba (eż. **bilwiefqa** flok **bilwieqfa**, **jikpi** flok **jibki**, eċċ.).

[3] Xi grammatiċi jħobbu jsejħulu zokk morfemiku. Imma fil-każ anke l-għerq ikollna nsejħulu għerq morfemiku. Għalhekk hawn se nżommu biss zokk (pl. zkuk).

Ingliż, *stem*), jiġifieri dik il-parti bażika mill-kelma (magħmula minn sensiela ta' konsonanti u vokali) li twasslilna l-idea bażika. Din normalment tibqa' l-istess u magħha nżidu trufijiet jew *affissi* (l-aktar, *suffiss/i* fuq wara u xi *prefiss/i* fuq quddiem).

Mela, jekk nieħdu l-verb ˈ**kkalkula**, iz-zokk tiegħu huwa **-kalkul-**. Ma' dan iz-zokk, imbagħad, nistgħu nżidu l-affissi, bħal:

| | | | |
|---|---|---|---|
| | **kalkul** | -atur | |
| | **kalkul** | -azzjoni | |
| ik- | **kalkul** | -a | |
| k- | **kalkul** | -at | -i |

Iżda, għalkemm ngħidu li z-zokk huwa stabbli, hu wkoll jista' jġarrab xi bidliet, anki serji, li jibdlulu surtu. Insemmu l-iktar tnejn importanti:

(i) Xi zkuk Rumanzi jkollhom **varjanti (jew allomorfijiet)** li jibdlulhom parti minnhom, anke serjament (eż. **defend-/difens-/difiż-**). Min studja t-Taljan jaf kemm kienu jħabbtuh il-famużi "verbi irregolari" sewwasew għax iġarrbu bidliet bħal dawn. Fil-fatt, ħafna minn dawn il-bidliet li nsibu fil-verb Malti Rumanz diġà jidhru fit-Taljan, jekk mhux ukoll fil-Latin.

(ii) Ħafna zkuk, għalkemm ikunu stabbli, jistgħu jġarrbu xi **bidliet fil-kwantità (twaqqigħ jew tqassir) jew fil-kwalità (it-timbru) tal-vokali** huma u jinbnew is-suriet differenti tagħhom; eż.

- *bidla fil-kwantità tal-vokali*

| | | |
|---|---|---|
| **popl**-u | imma | **popol**-ari<br>**popol**-azzjoni<br>**popol**-at |
| **impjeg**-a<br>**impjeg**-at | imma | **impjieg** |
| t-**mantn**-i | imma | **manten**-iment |

- *bidla fil-kwalità tal-vokali*

| | | |
|---|---|---|
| **dulur** | imma | **dolor**-uż[4] |

Ħafna minn dawn il-bidliet seħħew fil-proċess li bih il-kliem Sqalli jew Taljan kien qed jadatta ruħu għall-aċċent Malti.

Issa t-tradizzjoni tal-kitba Maltija hawnhekk **ma timxix bħalma timxi mal-kliem Semitiku**. Ma titlobx minna li nżommu z-zokk sħiħ u bla mittiefes, imma sa mill-ewwel kitbiet kull kelma missellfa aktarx kienet tinkiteb fonetikament, tittieħed kif inhi, skont ma tinstema' fil-verżjoni Maltija. L-unika ħaġa li ma niktbux kif tinħass hija l-konsonanti finali, li baqgħet iġġib ruħha bħal fil-kliem Semitiku (eż. niktbu **Grieg** mhux ***Griek**, **gustuż** mhux ***gustus,** bħalma fil-Malti Semitiku niktbu **taħżiż** flok ***taħżis**).

Bis-saħħa ta' din id-drawwa qadima, mirfuda mbagħad fiż-*Żieda mat-Tagħrif fuq il-Kitba Maltija* (1984) u fid-*Deċiżjonijiet 1* (2008), mhix ħaġa rari li fil-Malti jkollna l-istess zokk li jkun jidher taħt iktar minn sura waħda, li kollha jkollhom l-istess funzjoni u tifsira.

[4] Bidliet bħal dawn iseħħu wkoll fl-Ingliż (eż. **pronounc**-e imma **pronunc**-iation).

Ikunu biss varjanti (jew allomorfijiet) tal-istess zokk u jalternaw (~) bejniethom, bħal f'din it-tabella.

B'termini iktar tekniċi, nistgħu ngħidu li fil-kitba Maltija l-għerq huwa rregolat minn kriterju fonoloġiku, b'mod li jkollna "ninterpretaw" il-ħoss li nisimgħu, filwaqt li z-zokk huwa rregolat minn kriterju fonetiku biss (ħlief f'tarfu), li jgħidilna niktbu eżatt dak li nisimgħu. Dawn huma żewġ kriterji differenti li flimkien irieġu ż-żewġ elementi l-kbar ta' lsienna: is-Semitiku u l-Ewropew.

*Il-Prof. Manwel Mifsud*

| | |
|---|---|
| **impjeg-** ~ **impjieg-** | impjegat, impjieg |
| **ved-** ~ **viż-** ~ **vist**- | veduta, viżjoni, vista |
| **splod-** ~ **spluż-** | jisplodi, splużjoni |
| **makkin-** ~ **magn-** | makkinarju, magna |
| **defend-** ~ **difens-** ~ **difiż-** | ddefenda, difensiv, difiża |
| **derieġ-** ~ **deriġ-** ~ **dirett-** | dderieġa, dderiġejt, diretta |
| **gost-** ~ **gust-** | gosti, gustużi |
| **predik-** ~ **prietk-** | predikatur, prietka |

# Websajt ġdida tal-KNLM

Fl-okkażjoni tal-għaxar anniversarju mit-twaqqif tiegħu, il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti ta dehra ġdida u aktar dħulija lis-sit elettroniku tiegħu. Id-disinn il-ġdid jagħmel is-sit aktar attraenti u eħfef għall-viżitaturi biex jużawh għax hu mqassam f'diversi temi. Minbarra din id-dehra, aktar friska, is-sit jinkludi wkoll aktar tagħrif fuq il-ħidma tal-Kunsill u għadd ta' riżorsi għal dawk li jużaw il-Malti f'xogħolhom. Is-sit jinkludi wkoll taqsima bl-Ingliż li biha jżomm kuntatt ma' entitajiet lingwistiċi oħra bħalu, Ewropej u mhumiex.

Biex jilħaq aktar lill-pubbliku, il-Kunsill tal-Malti fetaħ ukoll paġna uffiċjali fuq Facebook li qed tkun aġġornata kontinwament bl-avvenimenti u l-ħidma li jkun għaddej biha. Dan ix-xogħol hu fi ħsieb is-Sur Saviour Sam Agius, il-Prof. Ray Fabri u s-Sur Thomas Pace.

www.kunsilltalmalti.gov.mt www.facebook.com/kunsilltalmalti www.youtube.com/kunsilltalmalti



# L-applikazzjoni SwiftKey Keyboard issa bil-Malti wkoll

Marija Agius

F'inizjattiva riċenti, l-applikazzjoni SwiftKey għal tastiera tobsor (predictive keyboard) bdiet toffri wkoll il-Malti għal min juża l-Android. Dan sar bil-ħsieb li l-applikazzjoni tkopri iktar lingwi. Dan il-pakkett lingwistiku ġdid jippermettilna nittajpjaw messaġġi bil-Malti b'iktar ħeffa. Fl-istess ħin, inkunu nistgħu nibbenefikaw mit-teknoloġiji l-iktar avvanzati tal-iSwiftKey f'dak li għandu x'jaqsam ma' korrezzjonijet awtomatiċi u tbassir tal-kliem. Bħalissa, l-għadd ta' dawk li installaw l-applikazzjoni biex jiktbu aktar malajr bil-Malti jlaħħaq l-1,600. SwiftKey – għodda ideali anki għal min juża aktar minn lingwa waħda – tippermettilna ngħaġġlu aħna u niktbu, imqar meta nużaw żewġ jew tliet lingwi f'daqqa. B'din l-għodda xejn ma jżommok milli tuża l-iSwiftkey biex tikteb sentenza li tinkorpora l-Malti, l-Ingliż u t-Taljan.

Il-kumpanija li ħarġet bl-iSwiftKey hija sodisfatta li kienet l-ewwel li poġġiet fis-suq tastiera li toffri ttajpjar u tbassir ta' kliem bil-Malti. Bħala kumpanija li fil-mira tagħha għandha l-lingwi, din tiċċelebra l-lingwi kollha – inkluż lingwi żgħar u b'popolazzjoni żgħira li titkellimhom bħall-Malti. Fi kliem Julien Baley, inġinier tas-softwer: "Nafu li l-lingwa hija ħaġa waħda mal-preżervazzjoni kulturali, u aħna rridu nagħmlu l-almu tagħna biex il-lingwi u l-kulturi diversi nżommuhom ħajjin."

Baley, lingwista entużjast u l-programmatur tal-applikazzjoni bil-Malti u b'ħafna lingwi oħra, jispeċjalizza partikolarment f'dawk il-lingwi li ħafna drabi fid-dinja tat-teknoloġija jispiċċaw jingħataw il-ġenb. Grazzi wkoll għall-isforzi ta' Baley, l-applikazzjoni SwiftKey Keyboard bħalissa qed tintuża fuq 300 miljun mowbajl u tablet madwar id-dinja, u hija disponibbli f'iktar minn 125 lingwa.




Hemm il-ħsieb li l-lingwi jiżdiedu dejjem iktar. Baley jittama li s-softwer eventwalment jasal għand il-kelliema Maltin kollha, inkluż dawk li jużaw mowbajls b'softwer differenti mill-Android. "It-tir tagħna huwa li nxerrdu t-teknoloġija tobsor (predictive technology) tas-SwiftKey ma' kemm jista' jkun nies, u b'kemm jista' jkun lingwi. Il-fatt li nistgħu noffru l-ittajpjar bil-Malti nqisuh suċċess kbir għalina."

Biex tkun taf aktar dwar l-applikazzjoni SwiftKey (jew biex tissuġġerixxi iktar lingwi): www.swiftkey.com.

Biex tniżżel l-applikazzjoni b'xejn: https://play.google.com/store/apps/details?id=com.touchtype.swiftkey.

*Marija Agius hija assistenta mal-Kummissjoni Ewropea*

# Niktbu "Ħa gost jara l-veduta" jew "Ħa gost jara 'l-veduta"?

Is-silta li ġejja hija meħuda mil-Linji Gwida Interni mfassla għat-tradutturi tad-Dipartiment tal-Malti tal-Kummissjoni Ewropea. Qed naqsmuha mal-qarrejja ta' *l-aċċent* f'każ li tista' tkun ta' għajnuna għalihom ukoll.

**Il-Linji Gwida Interni** ssibhom hawn:
https://ec.europa.eu/info/files/maltese-resources-guidelines-translating-maltese_en

**Il-markatur 'lil'**

Il-Prof. Albert Borg studja l-markatur 'lil' u jifred bejn tliet sitwazzjonijiet differenti:

1. Il-prepożizzjoni, eż. *Tlaqt 'il barra* u *Marru 'l hemm*.
2. Il-marka tal-oġġett dirett li hija obbligatorja quddiem:

a. oġġetti diretti li jkunu ismijiet proprji personali. Niktbu *Ktibt lil Rita* minflok *Ktibt Rita*, u
b. nomi ta' parentela bil-pronom mehmuż. Niktbu *Widdbet lil binha* minflok *Widdbet binha*.

Quddiem nomi oħra li jfissru persuni u entitajiet personifikati, hemm tendenza qawwija li nużaw ukoll din il-'lil', bħal ngħidu aħna *Ra lit-tifel għaddej*, *Melles lill-kelb*, u *Sellem lill-imħabba waħdanija ta' ħajtu*. Quddiem nomi proprji ta' post nużaw 'lil' skont xi rridu ngħidu, bħal *Rajt Malta tinbidel* jew *Rajt lil Malta tinbidel*.

Fil-fatt in-nomi kollha jinsabu f'ġerarkija, fis-sens li iktar ma jfissru entitajiet umani, speċifiċi u personalizzati aktar qegħdin 'il fuq fil-ġerarkija, u iktar ma jfissru entitajiet inanimati u saħansitra astratti, iktar ikunu 'l isfel, bħal *Hu pejjep is-sigarett* minflok *Hu pejjep lis-sigarett*; jew *Hu ra l-veduta* minflok *Hu ra lill-veduta*.

Iżda minħabba l-kreattività tal-lingwa, in-nomi jistgħu jiċċaqilqu 'l fuq jew 'l isfel f'din il-ġerarkija skont l-intenzjonijiet komunikattivi tal-kelliem. Ngħidu aħna f'logħba fejn it-tfal qed jgħoddu n-numru ta' persuni bl-istess isem tismagħhom jgħidu *Rajt Pietru ieħor*, jiġifieri ma jużawx il-'lil', avolja ma' nom proprju personali, għax iżjed ikunu qed jirreferu għall-isem bħala espressjoni lingwistika milli għal persuna partikolari. Min-naħa l-oħra l-eżempju: *Is-sħaba farfret lix-xmara* jesprimi effett poetiku ta' personifikazzjoni.

F'dawn il-komplikazzjonijiet kollha mhux għaġeb li jkun hemm xi inċertezza f'każijiet speċifiċi.

3. Il-'lil' tal-oġġett indirett li ġġib ruħha xi ftit differenti. Meta ngħidu *Hi bagħtet ittra l-qorti* nkunu qed infissru li impustatha f'dak l-indirizz, filwaqt li meta ngħidu *Hi bagħtet ittra lill-Qorti* nkunu qed infissru li hi tkun kitbet lill-Maġistrat jew lill-Imħallef. Fl-aħħar eżempju, il-'lil' qed tintuża meta l-post qed ikun qed jiġi personifikat jew qed jingħata tifsira ta' istituzzjoni (involut il-bniedem).

# KELMA B'KELMA

*It-terminoloġija*

## L-Utilità Inutli tal-Malti Xjentifiku

Alan Xuereb

F'Mejju tal-2014 attendejt laqgħa fil-bini tal-Kummissjoni Ewropea fil-Lussemburgu bit-tema "Are all languages equal but some more equal than others?". Fost il-ħafna ideat li ssemmew kien hemm waħda fundamentali tal-professur[1] li mexxa l-laqgħa, jiġifieri li *lingua franca* – bħalma hija l-Ingliż illum – għandha riperkussjonijiet mhux żgħar fuq lingwi oħrajn.

Naturalment ġab eżempji estremi fuq pajjiżu (il-Ġermanja) fejn semma, fost oħrajn, li l-Kunsill tal-Lingwa Ġermaniża ltaqa' fl-Ingilterra u l-laqgħa tmexxiet bl-Ingliż. Każ estrem. Fejn lingwa uffiċjali ta' pajjiż ta' 'l fuq minn 80 miljun ruħ (u mhux qed ngħodd lill-Awstrija u lill-Iżvizzera) tuża lingwa oħra sabiex tiddiskuti lilha nfisha. M'hemmx dubju li lingwa internazzjonali bħalma kien il-Latin fi żmien l-Imperu Ruman, u bħal-lingwa Ingliża llum il-ġurnata, għandhom impatt konsiderevoli fuq il-lingwi u l-lingwaġġ użat ta' kuljum. L-esperjenza Maltija f'dan il-każ setgħet kienet xi ftit differenti, għax minkejja li hu minnu li l-lingwa tagħna ġiet effettwata mill-Ingliż, peress li l-Ingilterra kienet l-aħħar ħakkiema barranija tagħna, kellna diġà influwenzi qawwija mill-ġara tagħna: l-Italja. B'xi mod, għannaqna dawn l-influwenzi u għamilniehom tagħna.

L-idea ta' Trabant, kif espressa f'intervista, li "When Language Dies, Culture Dies Too",[2] għandha tinkwetana għaliex il-Malti, għall-kuntrarju ta' ilsna bħall-Ingliż, l-Ispanjol, il-Franċiż jew il-Ġermaniż, ma jitkellmuhx ħafna nies. Il-lingwa Maltija hija żgħira, fis-sens li hija mitkellma minn popolazzjoni żgħira. Lanqas dawk li jsejħu lilhom infushom Maltin (għax huma rreġistrati bħala ċittadini Maltin) ma huma obbligati jitkellmu jew ikunu jafu l-Malti. U din il-kwistjoni tista' tikkomplika ruħha iktar meta jkollok Maltin li ma jitkellmux il-Malti. Mhux qed nirreferi għal dawk li jqisu l-Malti bħala "ħamallu" jew "mhux cool" imma għal dawk il-Maltin "ġodda" li saru Maltin u li ma għandhom l-ebda obbligu li jitgħallmu l-Malti – obbligu li jeżisti fil-maġġoranza tal-pajjiżi.

B'mod ġenerali, l-esperjenza tal-lingwa Ingliża f'pajjiżna kellha, nissuspetta, iktar effetti pożittivi milli negattivi. Il-fatt li għalina faċli ħafna li nagħmlu negozju permezz ta' din il-lingwa u ħloqna industrija mil-lingwa nfisha, huwa aspett pożittiv innegabbli. Ma nara ebda kontradizzjoni politika, jew oħra, fil-fatt li għandna żewġ lingwi uffiċjali f'pajjiżna, iktar u iktar meta l-Malti tpoġġa fuq pedestall u ġie arrikkit ferm bl-inklużjoni tiegħu bħala lingwa uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Madankollu, irridu nammettu li l-Malti għad għandu xi lakuni partikolarment, iżda mhux esklużivament, fejn jidħlu t-termini xjentifiċi.

[1] Prof. Dr Jurgen Trabant, Freien Universität Berlin.

[2] http://www.goethe.de/lhr/prj/diw/dos/en7245855.htm.



Ritratt grazzi lis-CERN – Large Hadron Collider, Ġinevra

Dan huwa fatt li jista' jikkonstatah kulħadd meta jfittex fil-Wikipedia għal termini ta' natura xjentifika, bħal ngħidu aħna "string theory". Ir-raġuni immedjata li jagħtuk dawk li jipprattikaw fil-qasam u anki xi oħrajn li x'aktarx m'għandhomx opinjoni għolja ta' lsienna, hija li peress li l-qasam xjentifiku kważi kollu huwa ddominat mill-Ingliż, il-ħolqien ta' termini daqstant speċifiċi bil-Malti huwa "superfluwu", "ħela ta' ħin", "ħela ta' riżorsi", "eżerċizzju intellettwali inutli", eċċ. (biex nagħtikom idea).

Nifhem li mil-lat prattiku l-Ingliż huwa l-lingwa li biha dawn il-kunċetti ġew żviluppati internazzjonalment, iżda ma nifhimx għala fuq programm tat-televiżjoni Maltija dwar ix-xjenza disgħin fil-mija tal-persuni intervistati evitaw l-isforz li jużaw termini (anki jekk ma jkunux korretti) xjentifiċi bil-Malti. Issib min jgħidlek ukoll li l-Malti huwa primittiv wisq biex jiflaħ il-profondità intellettwali li nsibu fl-oqsma tax-xjenza. Għall-kompletezza tal-lingwa huwa ferm importanti li dawn it-termini jiġu inklużi xi mkien.

Din hija l-utilità inutli tat-termini tekniċi u xjentifiċi sabiex ma nħallux dik l-entrata fil-Petit Robert li tgħid hekk:

**MALTAIS, AISE** [maltɛ, ɛz] **adj. et n.** – 1606 ◊ de *Malte* ■ **1** De Malte. — **n.** *Les Maltais.* — **n. m.** *Le maltais* : dialecte arabe parlé à Malte et écrit à l'aide de l'alphabet latin complété.

Id-dizzjunarju qed jgħid li l-Malti huwa djalett Għarbi. Mhux li ġej minn djalett Għarbi, imma li hu djalett Għarbi. Skont diversi studjużi jekk persuna titkellem djalett ta' lingwa, il-komunikazzjoni bejn dik il-persuna u persuna li titkellem il-lingwa (omm) hija possibbli mingħajr diffikultajiet kbar.[3] Dan ma jistax jingħad bejn il-Malti u l-Għarbi.[4] Xi ħadd li ma għandux xi formazzjoni anki remota ta' wieħed jew tal-ieħor ikollu ċerta diffikultà biex jifhem eżattament x'qed jingħad. Jista' jkun hemm raġunijiet oħra għaliex dan id-dizzjunarju jirrelega lill-Malti għall-kategorija ta' djalett, forsi peress li l-Malti huwa nieqes minn ċertu

[3] http://www.slate.com/blogs/quora/2014/02/03/what_s_the_difference_between_a_dialect_and_a_language.html.

[4] http://www.economist.com/blogs/economist-explains/2014/02/economist-explains-8.

"kompletezza" li ssib f'lingwi oħra. Naturalment jien għandi primarjament il-qasam tax-xjenza. Għal xi wħud il-lingwa Maltija hija lingwa tal-kċina. Din tweġġagħni ħafna. Però jista' jkun hemm element ta' verità peress li f'ċerti oqsma nużaw unikament u strettament l-Ingliż. Ma jimpurtax li jiġri dan però naħseb li wasal iż-żmien li għall-inqas ikollna reġistru lingwistiku xjentifiku. Diġà saru passi ta' ġgant fejn jidħlu l-mediċinali u l-farmakoloġija. Però fejn jidħlu l-aspetti l-oħra tal-korpus xjentifiku għadna ftit lura. Se niffoka biss fuq parti mill-qasam xjentifiku għal raġunijiet ta' spazju fost oħrajn.

Anki analiżi mhux profonda żżejjed tista' tiżvela xi prinċipji li ssibhom f'lingwa u mhux neċessarjament f'xi djalett. Jien inħoss li prima facie lingwa għandu jkollha dawn it-tliet karatteristiċi li ġejjin sabiex titqies lingwa:

i) li tevolvi b'mod naturali (u mhux tkun lingwa artifiċjali bħal ngħidu aħna: il-Klingon, it-Toki Pona, l-Esperanto, jew xi lingwa ta' Tolkien),
ii) li jkollha l-kultura tagħha (li wkoll tevolvi b'mod naturali),
iii) li tkun tista' tikkomunika kwalunkwe u kull suġġett.

Huwa dan l-aħħar rekwiżit li jista' joħloq id-diffikultà li minħabba fih ikun hawn min iħoss li l-Petit Robert għandu raġun. Għalija hija kwistjoni ta' amor proprju u ta' rispett li, anki jekk biss kunċettwalment u mhux fil-prattika, il-lingwa tiegħi għandha tkun kapaċi tispjega kunċett xjentifiku bil-Malti anki jekk Malti influwenzat mit-Taljan[5] jew mill-Ingliż.

U jekk tippermettuli se nipprova nagħti xi eżempji ta' termini li jeżistu fil-fiżika teoretika li hija xi ftit il-passatemp tiegħi u qiegħda ħafna għal qalbi.

Diġà semmejt il-kunċett ta' "**string theory**" li essenzjalment hija teorija li għadha ma ġietx ippruvata b'esperiment iżda li ssolvi l-problema kbira li teżisti fil-fiżika li jingħaqdu l-erba' forzi tan-natura jiġifieri: l-elettromanjetiżmu, il-forza nukleari dgħajfa, il-forza nukleari qawwija u l-gravità. Din it-teorija hija l-kandidata ewlenija għat-teorija ta' kollox[6] u tikkonsisti fil-premessa li l-iżgħar "biċċiet" ta' materja li jikkomponu kollox fl-univers, inklużi jien li qed nikteb u int li qed taqra, huma ħjut żgħar[7] ta' enerġija li jagħtu l-kwalitajiet lill-partiċelli subatomiċi li nosservaw fin-natura sempliċiment skont il-mod li jivvibraw bih. Dawn il-ħjut ħafna drabi jixxebbhu ma' kordi ta' vjolin li joħolqu noti differenti skont kif jivvibraw u finalment din l-analoġija għinitni nirreferi għal din it-teorija bħala dik tal-"kordi". "It-teorija tal-ispag" dehritli wisq litterali, filwaqt li "ħjut" jew "kordi" – anki peress li huwa maħsub li jivvibraw f'diversi dimensjonijiet u mhux biss fit-tlieta spazjali u waħda temporali li nafu bihom – tawni din id-direzzjoni. "It-teorija tal-kordi" togħġobni wisq!

Għażilt dan it-terminu fost mijiet oħrajn li xi wħud minnhom diġà ġew tradotti fedelment għall-Malti, għall-inqas fuq il-Wikipedia, fosthom "black hole" li naturalment saret "toqba sewda" li t-tifsira tagħha ġiet tradotta kif ġej:

[5] Vide fost oħrajn, Rovelli, Carlo "La realtà non è come ci appare – la struttura elementare delle cose" Raffaello Cortina Editore, 2014.

[6] https://mt.wikipedia.org/wiki/Teorija_ta%27_kollox.
[7] Verament żgħar fl-iskala Planck jiġifieri $10^{-33}$.

"***Toqba sewda** hija korp ċelesti tant dens li l-qawwa gravitazzjonali tiegħu żżomm kull tip ta' radjazzjoni milli taħrab inkluż id-dawl. Minħabba dan il-fatt l-oġġett isir inviżibbli.*"[8]

Jien konxju li min għamel traduzzjoni ta' dawn it-termini għamel sforz Erkoljan biex jasal għat-terminu. Fil-fatt, filwaqt li bl-Ingliż hemm ħafna iktar informazzjoni, bil-Malti nsibu din is-sentenza biss. Bidu dejjem bidu. Iżda jinħtieġu iktar nies sabiex dawn it-termini jiġu aġġornati u paragunabbli mal-lingwi l-oħra, iktar u iktar jekk nixtiequ li l-lingwa tagħna tespandi u tiżviluppa. Ma nistgħux nistennew li ħaddieħor jagħmilha għalina. Għandna nkunu aħna li b'xi mod u bi kwalunkwe mod nesploraw il-possibbiltajiet kollha li jeżistu u naraw jekk humiex aċċettabbli mill-istudjużi tal-lingwa tagħna.

Xi termini li mhumiex daqshekk ibsin huma dawk bħal "Hawking radiation" li faċilment tista' tiġi tradotta bħala "radjazzjoni Hawking" li hija sempliċiment radjazzjoni (prevista) li tiġi rrilaxxata minn toqba sewda minħabba effetti kwantistiċi qrib l-"orrizont tal-eventi" (event horizon) – terminu ieħor xejn faċli. Termini bħal dawn għadhom ma ġewx tradotti għall-Malti fil-Wikipedia għal raġunijiet li xi wħud minnhom semmejthom qabel. Madankollu, hemm termini bħal Relattività Ġenerali u Relattività Speċjali li mhumiex tradotti bil-Malti fil-Wikipedia. Qed insemmi biss il-Wikipedia għaliex hija l-iktar sors miftuħ għal kulħadd fuq l-internet u sa fejn naf jien m'hemmx kotba speċjalizzati bil-Malti li jsemmu dawn it-termini. Hija ħasra għaliex riċentement fl-Università ta' Malta ġie stabbilit istitut speċifikament għall-astronomija u l-kożmoloġija. L-akronimu tiegħu huwa xieraq ħafna: "ISSA" (*Institute for Space Science and Astronomy*).[9]

Dan l-artiklu mhuwiex immirat sabiex jelenka t-termini kollha fil-qasam tal-fiżika teoretika (anki jekk ma niddejjaq xejn kieku kelli naħdem hekk *full time*) iżda biss li joħloq kuxjenza u jagħti xi ftit ideat tal-fattibbiltà ta' reġistru tal-fiżika, imqar jekk wieħed limitat – intenni, jekk xejn, għall-kompletezza tal-lingwa.

Nagħlaq b'terminu ftit diffiċli li huwa "warp drive". Dan it-terminu mhuwiex esklużivament wieħed fantaxjentifiku: għandu bażi teoretika soda grazzi għal Miguel Alcubierre[10] li ħareġ bl-ekwazzjoni u t-teorija dwar il-propulsjoni b'kurvatura (jew "mutur b'kurvatura") li prattikament jiddeforma l-ispazju/żmien u jaqbeż minn post għall-ieħor fl-univers tagħna b'veloċità superluminali[11] (jew iktar minn dik tad-dawl innifsu).[12]

Jiddependi minna lkoll jekk il-lingwa tagħna tistagħnax jew tiftaqarx, jew tispiċċax estensjoni b'ħafna termini bl-Ingliż u fil-korsiv. Għax jekk soluzzjoni minnhom hija li nassimilaw ċerti espressjonijiet bl-Ingliż fil-Malti, l-oħra hija li nassimilaw u nadattaw dawn l-espressjonijiet għalina bħalma għamilna kważi dejjem. Kultant, l-Ingliż ma jrendix ruħu tajjeb għal traduzzjoni għall-

[8] https://mt.wikipedia.org/wiki/Toqba_sewda.

[9] issa@um.edu.mt.
[10] https://en.wikipedia.org/wiki/Miguel_Alcubierre.
[11] https://en.wikipedia.org/wiki/Alcubierre_drive.
[12] https://en.wikipedia.org/wiki/Faster-than-light.

Malti, partikolarment fix-xjenza, kif diġà semmejt iktar 'il fuq – "string theory" jekk nittraduċuha "teorija tal-ispag" tinstema' ħarira komika. L-istess diffikultà sibtha fl-espressjoni "warp drive" jekk nittraduċuha "mutur li jgħawweġ" ma tantx inrendi l-idea. Il-lingwa Ingliża hija estremament flessibbli u naħseb li għalhekk saret il-lingua franca moderna, minbarra naturalment il-fatturi soċjokulturali l-oħrajn, bħaċ-ċinema, il-mużika rock u pop,[13] eċċ.

Il-punt tiegħi huwa li jekk xi darba niddeċiedu li noħolqu xi lessiku xjentifiku jkollna inqas diffikultà jekk nixorbu mill-għajn Rumanza milli mill-għajn Anglo-Sassona. Madankollu, jaf ikun hemm xi termini jew kunċetti li jistgħu jiġu spjegati u maħluqa jekk nirreferu għall-Ingliż.

Dan huwa proċess li jimxi bil-mod ħafna. Però rridu nibdew minn xi mkien. Hemm bżonn li l-professjonisti (ngħidu aħna l-astronomi, il-fiżiċi, eċċ.) f'dan il-qasam ikollhom formazzjoni fil-Malti xjentifiku wkoll, u qabel dan, ikollhom "sehem" fil-proċess ta' ħolqien ta' lessiku nnifsu. Għandha tinħoloq entità li jkollha l-kompitu li jinbeda dan il-proċess b'mod sistematiku u regolari. Din l-entità għandu jkollha membri ġejjin mill-qasam tal-lingwa Maltija u mill-qasam tax-xjenza. Għall-amor propju tagħna, għal-lingwa sabiħa tagħna li dejjem tikber u tiżviluppa.

*Dr Alan Xuereb hu Ġurista Lingwista mal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja*

[13] Ara Kaku, Michio, *Physics of the Future: How Science Will Shape Human Destiny and Our Daily Lives by the Year 2100* (New York: Doubleday, 2012).

# L-isfumaturi tad-dejn

Reuben Seychell

Id-dejn huwa suġġett vast li għalkemm joriġina mill-qasam kummerċjali huwa ta' interess kbir f'dominji oħra, partikolarment fil-qasam ekonomiku, bankarju u dak politiku. Bħala terminu huwa pjuttost ġeneriku u għalhekk jeħtieġ diversi kwalifikazzjonijiet biex wieħed jasal għal indikatur preċiż u idoneu għall-iskop li għalih tkun ser tintuża dik iċ-ċifra tad-dejn. Imma allura, x'inhu d-dejn? X'nifhmu meta ngħidu dejn pubbliku, jew inkella dejn tal-gvern? Id-dejn ta' min, huwa inkluż f'dan id-dejn? Kif jiġi kkalkulat, jiġifieri, x'valur jittieħed biex wieħed jasal għaċ-ċifra tad-dejn? Għaliex hemm id-dejn gross u d-dejn nett? Liema tip ta' dejn jitqies mill-istituzzjonijiet tal-UE bħala dak politikament effettiv? F'dan l-artikolett, ser nippruvaw tal-anqas inwieġbu dawn il-mistoqsijiet, u forsi jqanqal mistoqsijiet oħra.

**X'inhu dak li jsawwar id-dejn?**

It-tranżazzjonijiet ekonomiċi jsiru fuq bażi ta' kreditu-debitu u meta jirriżulta li jkun hemm akkumulu akbar ta' ammonti ta' defiċit milli ta' surplus, spiss tinħoloq pożizzjoni ta' dejn. Fil-qasam tal-kontijiet tal-gvern, dawk il-pajjiżi li m'għandhomx pożizzjoni ta' dejn tgħoddhom fuq id waħda (minn madwar 190 pajjiż), għalkemm hemm għadd żgħir ieħor ta' pajjiżi sinjuri fejn id-dejn huwa żgħir u purament operazzjonali, jiġifieri pożizzjoni ta' dejn li tirriżulta mit-tranżazzjonijiet kurrenti, aktar milli minn akkumulu mill-imgħoddi. Għalhekk, jekk niġġeneralizzaw xi ftit, nistgħu ngħidu li d-dejn tal-gvern huwa l-ammont li l-



gvern għandu jagħti lill-kontropartijiet tiegħu fit-tranżazzjonijiet relevanti. Kif ser naraw, id-dejn tal-gvern huwa subsett tal-obbligazzjonijiet tal-gvern. Barra minn hekk, huwa indikatur li jintuża għal diversi tipi ta' deċiżjonijiet, politiċi jew kummerċjali, pubbliċi jew privati, internazzjonali jew interni.

Madankollu hemm tliet aspetti li jiddefinixxu dak li jsawwar indikatur ta' dejn minn ieħor, u dawn huma:

i) l-ambitu organizzazzjonali (il-firxa ta' organizzazzjonijiet u entitajiet li d-dejn tagħhom jiġi inkluż fil-kalkolu);
ii) il-prinċipji ta' valwazzjoni (kif jinħadem il-valur tal-obbligazzjonijiet/bilanċi);
iii) l-elementi li jsawru dan id-dejn (l-istrumenti u l-operazzjonijiet finanzjarji li l-ammonti tagħhom jiġu inklużi fid-dejn).

Indikatur ta' dejn jinbena abbażi ta' varjazzjonijiet f'dawn it-tliet elementi. F'dan l-artikolett ħa nittratta biss tlieta minn dawn l-indikaturi (u indikatur utli ieħor relatat), li huma l-aktar relevanti għall-kontijiet tal-gvern fl-Ewropa fl-isfond tal-parteċipazzjoni fil-livelli tal-UE (inkluż fil-BĊE), l-IMF u l-OECD.

**1. L-ambitu organizzazzjonali: l-amministrazzjoni pubblika**

Fid-diskors ordinarju, normalment dejn pubbliku, dejn tal-gvern, u dejn sovran, jirreferu għall-ambitu ddefinit mill-amministrazzjoni pubblika.[1] Dan ma jinkludix diversi entitajiet li wieħed isib fis-settur pubbliku, bħalma huma l-korporazzjonijiet

[1] EN: general government, FR: administrations publiques.

pubbliċi pereżempju.[2] Is-settur tal-amministrazzjoni pubblika jinkludi l-gvern ċentrali, reġjonali jew lokali u l-fondi ta' sigurtà soċjali, minbarra attivitajiet kummerċjali.[3]

L-indikaturi li qed jiġu indirizzati hawnhekk jirreferu biss għal dan l-ambitu organizzazzjonali.

## 2. Il-prinċipji ta' valwazzjoni

Fil-każ tar-regolazzjoni finanzjarja tal-UE, jintużaw żewġ tipi ta' valwazzjoni tal-istrumenti finanzjarji: il-valur nominali u l-valur tas-suq.

Il-valur nominali: fil-prinċipju dan ma jiġix affettwat mill-movimenti fir-rati tal-imgħax tas-suq, u jirrifletti kemm ir-rimborż tal-prinċipal kif ukoll l-imgħax dovut. Madankollu fil-każ tal-UE (partikolarment għad-dejn ta' Maastricht)[4] il-valur nominali jfisser valur ta' parità (face/at par value),[5] li huwa ekwivalenti għall-ammont maqbul fil-kuntratt oriġinarju tal-obbligazzjoni, u allura jeskludi l-imgħax dovut mill-obbligazzjoni. B'dan il-mod l-ammont irreġistrat ma jkunx affettwat mill-bidliet fir-rati tal-imgħax tas-suq u allura bħala kejl ikun anqas volatili.

[2] Id-dritt Ewropew jipprevedi dispożizzjonijiet li jirregolaw eżatti l-kriterji biex jinkludu jew jeskludu entità mill-kalkolu tad-dejn tal-amministrazzjoni pubblika skont ir-Regolament (UE) Nru 549/2013 dwar is-sistema Ewropea tal-kontijiet nazzjonali u reġjonali fl-Unjoni Ewropea (ESA 2010).
[3] *ibid.*
[4] Dan skont ir-Regolament tal-Kunsill Nru 479/2009 dwar l-applikazzjoni tal-Protokoll 12 dwar il-proċedura ta' defiċit eċċessiv).
[5] Kap. 376 u Kap. 235 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-valur tas-suq: dan jirrappreżenta l-prezz li bih assi jkun qed jiġi nnegozjat fis-suq f'punt partikolari, mill-partijiet f'suq likwidu. Dan ifisser li kwalunkwe bidla fir-rati tal-imgħax tas-suq tiġi riflessa fil-valur tas-suq ta' assi jew obbligazzjoni. Dan jintuża fil-każ tal-ESA 2010.

## 3. L-istrumenti finanzjarji

L-istrumenti finanzjarji[6] huma dawn:

1. deheb monetarju u drittijiet speċjali ta' prelevament (SDRs)
2. flus u depożiti
3. titoli ta' dejn
4. self
5. ekwità, u azzjonijiet jew unitajiet ta' fondi tal-investiment
6. assigurazzjoni, pensjonijiet u garanziji standardizzati
7. derivattivi finanzjarji u opzjonijiet ta' stokks għall-impjegati.

Hawnhekk mhux ser nidħlu fid-dettall dwar x'inhuma jew x'jinkludu. Barra minn dawn is-sebgħa nsibu t-tmien wieħed li huwa "kontijiet oħra" li jkunu pagabbli (obbligazzjonijiet) jew riċevibbli (assi) li fihom jitpoġġew temporanjament ammonti "kommessi/ impenjati" minn żewġ partijiet xi tranżazzjoni, eskluż l-imgħax fuq is-self li jiġi allokat dirett mal-istrument rispettiv, i.e. mas-self. Għal kull strument ikun hemm l-obbligazzjonijiet[7] u l-assi[8] (bl-eċċezzjoni tad-dejn monetarju li għalih hemm biss assi).

[6] Fis-sens tal-ESA 201a, bħala klassifika ta' tranżazzjonijiet finanzjarji.
[7] EN: *liabilities*; f'testi Maltin tintuża wkoll "passivi".
[8] EN: *assets*; f'testi Maltin tintuża wkoll "attivi"; jikkonsistu fil-pretensjonijiet finanzjarji kollha, l-ekwità u l-komponent ta' ingotti tad-deheb monetarju.

Biex niġu lura għall-argument tad-dejn, l-indikaturi ta' dejn ivarjaw skont liema strumenti jiġu inklużi fil-kalkolu ta' dak l-indikatur.

**L-indikaturi ta' dejn**

It-tliet indikaturi li ser nitkellmu dwarhom huma:

1) id-dejn gross ta' Maastricht, l-indikatur kif hemm dispost fil-Protokoll 12 tat-Trattati tal-UE. Jissejjaħ ukoll id-dejn gross tal-Proċedura ta' Defiċit Eċċessiv; dan jieħu biss l-obbligazzjonijiet ta' tliet strumenti, l-aktar evidenti f'ekonomija. Għalihom jittieħed il-valur nominali, kif spjegat aktar kmieni;

2) id-dejn gross tal-ESA 2010, li jinkludi l-obbligazzjonijiet ta' ħames tipi ta' strumenti plus il-kontijiet oħra pagabbli; il-valur li jittieħed huwa dak tas-suq; flimkien jissejħu wkoll "strumenti ta' dejn";[9]

3) id-dejn nett, li huwa d-dejn gross tal-ESA 2010 (magħmul mill-obbligazzjonijiet imsemmija) minus l-assi finanzjarji rispettivi tal-istrumenti ta' dejn.[10] Hawnhekk ukoll jittieħed il-valur tas-suq. Teoretikament dan it-tip ta' indikatur jista' jiġi modifikat skont it-tliet aspetti spjegati aktar kmieni, u b'mod li jikkorrispondi ma' indikaturi oħra ta' dejn gross, bħalma hu d-dejn ta' Maastricht pereżempju. L-idea wara dan l-indikatur hija li meta wieħed iħares lejn id-dejn ta' pajjiż, iqis ukoll il-valur tal-assi li jistgħu jikkumpensaw għal dawk l-obbligazzjonijiet.

Għalkemm huma diversi l-utenti tad-dati finanzjarji li jfittxu dan l-indikatur, u hemm diversi pajjiżi u aġenziji li jipprovduh, fl-UE l-pajjiżi huma aktar kawti u uffiċjalment jippubblikaw id-dejn gross. Ir-raġuni hija li fost il-pajjiżi, fuq in-naħa tal-assi wieħed isib eteroġeneità f'diversi fatturi li jiddeterminaw l-affidabilità tal-valur tal-assi. Pereżempju, għalkemm pajjiż jista' jkollu assi konsiderevoli fit-titoli ta' dejn, jista' jkun li dawn ikunu f'azzjonijiet preferenzjali, filwaqt li oħrajn ikunu f'azzjonijiet ordinarji (li allura jkun hemm differenza fl-eżitu f'każ ta' inadempjenza). Dawn l-elementi huma kumplessi biex tirrappreżentahom f'ċifra. Għalkemm il-pajjiżi tal-UE jippubblikaw id-dati kollha li jistgħu jintużaw biex jinħadem id-dejn nett, xorta waħda jibqgħu lura milli juffiċjalizzaw huma stess ċifra, li tista' fl-aħħar mill-aħħar, tiżgwida lill-utenti u investituri.

[9] Dan isegwi wkoll il-kunċett ta' dejn gross kif stabbilit internazzjonalment fil-*Public Sector Debt Statistics: Guide for Compilers and Users*, (2013) ippubblikat taħt l-awspiċi tal-IMF. Din il-gwida ġiet stabbilita minn disa' organizzazzjonijiet internazzjonali: il-Bank for International Settlements, il-Commonwealth Secretariat, il-Bank Ċentrali Ewropew, il-Kummissjoni Ewropea, il-Fond Monetarju Internazzjonali (IMF), l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u Żvilupp Ekonomiku (OECD), il-Paris Club, in-Nazzjonijiet Uniti u l-Bank Dinji.

[10] Għalhekk huwa nett minn dawk l-assi. Dan skont kif definit fil-***Public Sector Debt Statistics: Guide for Compilers and Users***, (IMF, 2013), kif ukoll is-*System of National Accounts 2008* (SNA, 2008) ippubblikata taħt l-awspiċi tan-Nazzjonijiet Uniti bil-parteċipazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea, l-IMF, l-OECD u l-Bank Dinji.

Indikatur ieħor relevanti huwa l-valur nett (net worth, B.90f) li jinkludi l-istokk[11] tal-obbligazzjonijiet – l-istokk tal-assi għall-istrumenti kollha, u għalhekk huwa l-aktar wieħed wiesa' f'termini ta' strumenti. Jiġi kkalkulat skont il-valur tas-suq u allura jirrifletti l-bidliet fir-rati ta' imgħax tas-suq. Dan l-indikatur huwa element importanti li fir-relazzjoni bejn il-bidla fid-dejn (stokk) u l-pożizzjoni ta' defiċit (jew surplus)[12] (flussi); dak li jissejjaħ aġġustament stokk-flussi. Fattur importanti huwa li dan l-indikatur jinkludi obbligazzjonijiet li mhumiex strumenti ta' dejn, bħalma huma l-ekwità, u azzjonijiet jew unitajiet ta' fondi tal-investiment (F.5), u d-derivattivi finanzjarji u opzjonijiet ta' stokks għall-impjegati (F.7). Huwa għalhekk li ma jitqiesx bħala indikatur/kejl tad-dejn.

Hawn taħt tinsab grafika li tirrappreżenta d-dettalji ta' kull indikatur, u wieħed jista' jikkumpara b'aktar ħeffa u kumdità. Il-qofol ta' kollox huwa li bħal f'ħafna kunċetti oħra, id-dejn jista' jieħu sfumaturi differenti, li f'dal-każ isarrfu f'differenzi monetarji kbar.

| Dejn gross:<br>1) id-dejn tal-PDE:<br>(obbligazzjonijiet)<br>*valur nominali* | Dejn gross:<br>2) dejn skont l-ESA 2010:<br>(obbligazzjonijiet)<br>*valur tas-suq* | Dejn nett:<br>dejn gross - assi korrispondenti<br>=(obbligazzjonijiet - assi)<br>*valur tas-suq* | Valur finanzjarju nett<br>(B.90f):<br>=(obbligazzjonijiet - assi)<br>*valur tas-suq* |
|---|---|---|---|
| flus u depożiti (AF.2) | deheb monetarju u drittijiet speċjali ta' prelevament (SDRs) (AF.1) | deheb monetarju u drittijiet speċjali ta' prelevament (SDRs) (AF.1) o - a | deheb monetarju u drittijiet speċjali ta' prelevament (SDRs) (AF.1) o - a |
| titoli ta' dejn (AF.3) | flus u depożiti (AF.2) | flus u depożiti (AF.2) o - a | flus u depożiti (AF.2) o - a |
| self (AF.4) | titoli ta' dejn (AF.3) | titoli ta' dejn (AF.3) o - a | titoli ta' dejn (AF.3) o - a |
| | self (AF.4) | self (AF.4) o - a | titoli ta' dejn (AF.3) o - a |
| | assigurazzjoni, pensjonijiet u garanziji standardizzati (AF.6) | assigurazzjoni, pensjonijiet u garanziji standardizzati (AF.6) o - a | ekwità, u azzjonijiet jew unitajiet ta' fondi tal-investiment (AF.5) o - a |
| | kontijiet oħra pagabbli (AF.8) | kontijiet oħra pagabbli (AF.8) - kontijiet oħra riċevibbli (AF.8) o - a | assigurazzjoni, pensjonijiet u garanziji standardizzati (AF.6) o - a |
| | | | derivattivi finanzjarji u opzjonijiet ta' stokks għall-impjegati (AF.7) o - a |
| | | | kontijiet oħra pagabbli (AF.8) - kontijiet oħra riċevibbli (AF.8) o - a |

*Reuben Seychell huwa Uffiċjal Statistiku (Statistika tal-Finanzi tal-Gvern) mal-Eurostat*

[11] L-istokk huwa bħal ritratt li jirrappreżenta l-istat f'waqt partikolari. Bħal "inventarju", imma fil-kontabilità u l-finanzi tintuża l-kelma "stokk". Iċ-ċifri li jitqiesu bħala stokk huma dawk li jsawru l-karta bilanċjali.
[12] Fil-kontijiet nazzjonali jissejħu wkoll teħid/għoti ta' finanzjament nett.



# Id-distinzjoni bejn "legali" u "ġuridiku" fit-traduzzjoni

Marie Chantelle Bonnici

**Il-problema fit-traduzzjoni**

Fit-traduzzjoni ta' temi li jkopru, fost oħrajn, l-organizzazzjoni tal-qrati, il-proċedimenti ta' divorzju, manteniment u suċċessjonijiet, fost ħafna oħrajn, niltaqgħu bosta drabi mat-termini legali u ġuridiku u ninnutaw illi għad hemm problema konsiderevoli ta' inkonsistenza. Kif nafu, l-inkonsistenza fix-xogħol tat-traduzzjoni toħloq inċertezza u konfużjoni, u dan meta xogħolna huwa li noħolqu testi bil-Malti li jinftiehmu u li jkunu fidili lejn it-testi oriġinali. Barra minn hekk, il-fatt illi s-sistemi ġudizzjarji tal-Istati Membri jvarjaw fil-kunċetti u t-terminoloġija tagħhom ifisser illi għandna noqogħdu aktar attenti rigward din il-varjazzjoni fil-letteratura legali.

F'dan l-artiklu se nagħti ħarsa lejn diversi sorsi fejn dawn it-termini jokkorru ħafna. Minn din l-analiżi se jidher li t-termini jintużaw b'mod interkambjabbli. Din is-sitwazzjoni tixhed il-bżonn li wieħed jasal għal gwida dwar kif nistgħu nagħmlu l-aħjar distinzjoni bejniethom.

**Il-kollokazzjonijiet fid-dokumenti tal-Portal Ewropew Ġustizzja-e**

| ġuridiku | legali |
|---|---|
| qafas ġuridiku | kwistjoni legali |
| entità ġuridika | professjonijiet legali |
| sistema ġuridika | konsulenti legali |
| persuna ġuridika | pariri legali |
| bażijiet tad-dejta ġuridiċi | għajnuna legali |

| legali | ġuridiku<br>(ftit li xejn instabu eżempji) |
|---|---|
| Rettifika għad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' Marzu 2006 li tistabbilixxi Grupp ta' Esperti dwar is-Swieq tat-Titoli Ewropej biex jipprovdi **konsulenza legali** u ekonomika dwar l-applikazzjoni tad-Direttivi dwar it-Titoli tal-UE[1] | Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Diċembru 2012 dwar l-adozzjoni tar-Regoli biex tiġi żgurata verifika konsistenti tal-eżistenza u tal-**istatus ġuridiku** tal-parteċipanti, kif ukoll tal-kapaċitajiet operazzjonali u finanzjarji tagħhom ...[2] |
| Linja Gwida tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-21 ta' Ġunju 2001 li temenda l-Linja Gwida BĊE/2000/1 tat-3 ta' Frar 2000 fuq l-amministrazzjoni tal-assi ta' valuta estera tal-Bank Ċentrali Ewropew mill-banek ċentrali nazzjonali u d-**dokumentazzjoni legali** ... (BĊE/2001/5)[3] | Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 723/2009 tal-25 ta' Ġunju 2009 dwar il-**qafas ġuridiku** Komunitarju applikabbli għal Konsorzju għal Infrastruttura Ewropea ta' Riċerka (ERIC)[4] |
| Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1259/2010 tal-20 ta' Diċembru 2010 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tal-liġi applikabbli għad-divorzju u għas-**separazzjoni legali**[5] | Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 723/2009 tal-25 ta' Ġunju 2009 dwar il-**qafas ġuridiku** Komunitarju applikabbli għal Konsorzju għal Infrastruttura Ewropea ta' Riċerka (ERIC)[6] |
| Id-Direttiva tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 1987 dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi rigward l-assigurazzjoni għall-**ispejjeż legali**[7] | |
| Id-Direttiva 2009/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-**protezzjoni legali** ta' programmi tal-kompjuter (Verżjoni kodifikata)[8] | |

**Il-kollokazzjonijiet fl-istrumenti tal-Unjoni Ewropea**
**Il-kollokazzjonijiet fil-Liġijiet ta' Malta**

Wara tfittxija fil-Werrej tal-Ġabra tal-Liġijiet naraw li fit-titoli tal-Atti jew tal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja jirriżulta biss il-komponent "legali": professjonisti legali,[9] prokuraturi legali,[10] proċeduri legali[11] u għajnuna legali.[12]

[1] ĠU L 76M, 24.3.2009, pp. 176-179 (MT).
[2] ĠU L 359, 29.12.2012, pp. 45-73.
[3] ĠU L 261, 29.9.2001, pp. 46-48 Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kap. 10 Vol. 001 pp. 308-310.
[4] ĠU L 206, 8.8.2009, pp. 1-8.
[5] ĠU L 343, 29.12.2010, pp. 10-16.
[6] ĠU L 206, 8.8.2009, pp. 1-8.
[7] ĠU L 185, 4.7.1987, pp. 77-80 (ES, DA, DE, EL, EN, FR, IT, NL, PT) Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kap. 06 Vol. 001 pp. 187-190.
[8] ĠU L 111, 5.5.2009, pp. 16-22.
[9] L.S. 12.17 Regolamenti dwar Rikonoxximent Reċiproku tal-Kwalifiki ta' Professjonisti Legali.
[10] L.S. 369.02 Regoli dwar Appelli minn Deċiżjonijiet tal-Kumitat għall-Avukati u Prokuraturi Legali.
[11] Kap. 443 Att dwar ir-Ratifika ta' Konvenzjonijiet dwar Proċeduri Legali.
[12] L.S. 497.11 Ordni dwar it-Twaqqif tal-Aġenzija tal-Għajnuna Legali.

Ġuridiku: xejn. Ir-raġunijiet jafu jkunu tnejn: l-ewwel hemm il-fattur storiku, pereżempju il-legal procurators dejjem issejħu "prokuraturi legali"; it-tieni hemm il-fattur li kull terminu li semmejt s'issa huwa msejjes fuq liġi jew sezzjoni tal-liġi, jew jirreferi għaliha.

It-terminu "ġuridiku" baqa' skars anki meta ħarist lejn it-test tal-erba' Kodiċijiet prinċipali:[13] il-Kostituzzjoni ta' Malta; il-Kodiċi Kriminali; il-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, u l-Kodici Ċivili.

a) Il-Kostituzzjoni ta' Malta
Legali: Proċeduri legali, rappreżentanti legali, detenzjoni legali, prokuratur legali, professjonijiet legali, skuża legali, piena legali.
Ġuridiku: ma kien hemm l-ebda okkorrenza.

b) Kapitolu 9 – Il-Kodiċi Kriminali
Legali: Prokuraturi legali, avviżi legali, strument legali, proċediment legali, rappreżentanza legali, ordni legali, kustodja legali, forma legali, skrittura legali, korrezzjoni legali, eżekuzzjoni legali, privileġġ legali, obbligu legali, konsegwenzi legali.
Ġuridiku: xejn.

ċ) Kapitolu 12 – Il-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili
Legali: Terminu legali, kopja legali, sigħat legali, periti legali, kustodja legali.
Ġuridiku: xejn.

d) Kapitolu 16 – Il-Kodiċi Ċivili
Hawnhekk naraw eżempji ċari ta' kif "legali" għandha konsegwenzi importanti – garanzija legali, ipoteka legali, użufrutt legali, kapaċità legali, firda legali, separazzjoni legali – jiġifieri mogħtija mil-liġi u li għandhom effetti legali fuq il-partijiet u partijiet terzi. Dan għall-kuntrarju ta' de facto, meta sitwazzjoni fattwali ma tiġix rikonoxxuta mil-liġi.
Wild legali – jindika adozzjoni – proċess legali li wassal għal bdil fl-istatus familjari ta' persuna.
Mil-lat tal-liġi Maltija jidher illi jintuża ferm aktar spiss it-terminu "legali", bit-tifsira "mogħti/previst mil-liġi".
Ġuridiku: xejn.

**Il-kollokazzjonijiet fis-Sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE)**

Legali: rimedji legali, effetti legali, argumenti legali.[14]
Ġuridiku: Is-sentenzi tal-QĠUE jużaw it-terminu "kuntest ġuridiku" bħala t-titolu tal-paragrafi tas-sentenza li jelenkaw u jfiehmu l-liġi applikabbli għall-kawża konċernata.[15]

It-terminu l-ordinament ġuridiku li bl-Ingliż jiġi "the legal order" huwa terminu standard ħafna f'dawn is-sentenzi. Madankollu, bil-Malti nsibuh ukoll bħala "sistema legali"[16] u nerġgħu nsibu l-istess inkonsistenza meta jintuża t-terminu "ordinament legali".[17]

[13] Minħabba limiti ta' spazju għażilt erba' Kodiċijiet prinċipali biss.

[14] Il-Kawża C-225/16.
[15] Il-Kawża C-400/15, Landkreis Potsdam-Mittelmark vs Finanzamt Brandenburg.
[16] Il-Kawża C-421/14, Banco Primus SA vs Jesús Gutiérrez García.
[17] Il-Kawża C-171/15, Connexxion Taxi Services BV vs Staat der Nederlanden, Transvision BV, Rotterdamse Mobiliteit Centrale RMC BV, u Zorgvervoercentrale Nederland BV.

Minn analiżi ħafifa jidher illi t-terminu "legali" huwa l-aktar diffuż. It-titolu ta' parti mis-sentenza tal-qorti biss baqa' l-istess – it-termini għadhom ivarjaw bejn "ġuridiku" u "legali".

**Il-kollokazzjonijiet fis-Sentenzi tal-Qrati Maltin – varjanti għall-istess kunċett**

Kwistjoni legali: 260 okkorrenza
Kwistjoni ġuridika: 4 okkorrenzi

Tliet sentenzi u tliet imħallfin differenti:

- rappreżentanti legali, sors legali[18]
- bażi legali tal-azzjoni, sistema ġuridika[19]
- fundament ġuridiku, status ġuridiku, interess ġuridiku.[20]

**Il-kollokazzjonijiet mis-sit europa.eu**

Tiftixa tal-kelma "legali" fost stqarrijiet għall-istampa, skedi informattivi tal-Portal Ewropew Ġustizzja-e, eċċ. ittella' s-soltu termini: entitajiet legali, status legali, professjonijiet legali, sistemi legali.

Ġuridiku:
Numru sostanzjali ta' okkorrenzi mifruxa fuq diversi temi:
In-negozju u l-industrija (30); L-ekonomija, il-finanzi u l-investiment (5); L-ambjent, l-ikel u r-riżorsi naturali (26); L-UE fid-dinja (3); Kif taħdem l-UE (487); Is-saħħa, il-benessri, u l-ħarsien tal-konsumatur (12); Il-ħarsien tal-konsumatur (u s-sikurezza tal-ikel) (2); Is-saħħa (9); L-infrastruttura, ir-riċerka u l-innovazzjoni (38); Il-ħajja u d-drittijiet fl-UE (25); Il-mezzi tax-xandir, il-kultura u l-lingwi fl-UE (12); Ix-xogħol u l-edukazzjoni (12).

**Analiżi – Id-definizzjoni skont il-filosofija tad-dritt**

Fid-dawl ta' dan in-nuqqas ta' ċarezza, ikun utli għalhekk li wieħed jirrikorri għall-prinċipji li joħorġu mill-filosfija tad-dritt biex nisiltu linji gwida dwar l-approċċ li għandu jittieħed. Dak li jiddefinixxi x'inhu legali jiddeċidih il-bniedem meta jilleġiżla dwar dak li hu leċitu u tollerat. Dan id-dritt ta' leġiżlazzjoni jappartjeni lit-tieni organu tal-istat, jiġifieri l-Parlament. Għaldaqstant, il-leġiżlazzjoni hija kreazzjoni ta' dak li jiġi definit legali, jiġifieri li huwa permess li jista' jsir jew le.

Min-naħa l-oħra, il-kunċett tal-ordinament ġuridiku huwa ferm akbar minn dak legali. L-istat legali jifforma parti minn dan l-ordinament iżda l-ġuridiku jmur oltre dak li hu legali. Il-ġuridiku huwa dak li jistabbilixxi l-għeruq ta' kontroll fejn tidħol ir-relazzjoni umana. Tifforma parti minnu l-liġi naturali, dik li tistabbilixxi l-ġid komuni, dak li huwa naturali minnu nnifsu mingħajr ma ġie kkreat mill-bniedem. Peress li l-bniedem ma jistax jiġi regolamentat unikament mill-filosofija tal-ħajja u billi l-bniedem huwa membru ta' soċjetà, mil-lat uman bdew jiġu żviluppati ċerti prinċipji ta' komportament. Il-membri tas-soċjetà jkollhom bżonn ta' regoli li jitnisslu minn leġiżlazzjoni biex b'hekk ikunu jafu x'jistgħu jagħmlu jew ma jagħmlux, jekk hux legalment possibbli li jagħmluh jew le.

[18] 15/09/2016 Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, Bonello Dr Irene vs Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur.
[19] 02/08/2016 Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, Yacht Projects Limited (C68710) vs Phelan Good Charters Limited (C71961).
[20] 26/05/2016 Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, Debono Maria Dolores Sive Doris Et vs Gauci Nazzareno Et.

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 755144 | LAW | | Council | 12 |
| en - English | legal body | | Council ★★★☆ | |
| | legal entity | | Council ★★★☆ | |
| mt - Maltese | persuna ġuridika | | Council ★★★☆ | |
| | entità ġuridika | | Council ★★★☆ | |
| 47391 | LAW | | CdT | 13 |
| en - English | legal text | | CdT ★★★☆ | |
| mt - Maltese | test legali | | COM ★★★☆ | |
| | test ġuridiku | | COM ★★★☆ | |
| 792957 | LAW<br>Business organisation | | Council | 14 |
| en - English | legal form | | Council ★★★☆ | |
| mt - Maltese | forma ġuridika | | COM ★★★☆ | |
| 1131638 | LAW | | COM | 15 |
| en - English | legal fact | | COM ★★★☆ | |
| mt - Maltese | fatt legali | | COM ★★☆☆ | |

Screenshot meħud mill-interfaċċa interna tal-IATE

Ma jidhirx illi qed issir distinzjoni abbażi ta' xi użu formali u lanqas ma tispikka xi preferenza distinta. Minn din l-analiżi jidher li r-raġuni għaliex dawn it-termini jintużaw b'regolarità t-tnejn li huma hija l-assenza ta' gwida ċara lit-traduttur dwar liema terminu għandu jadotta fit-traduzzjoni tiegħu. Ħafna minna t-tradutturi nħossuna liberi nagħżlu t-terminu "legali" jew "ġuridiku" bħallikieku jfissru l-istess ħaġa. Jidher iżda illi t-terminu "legali" huwa ħafna aktar diffuż mit-terminu "ġuridiku". Lanqas ma huwa indikat illi ġuridiku huwa terminu riżervat biss għal sentenzi tal-qorti jew għal xi tip ta' test legali tekniku ħafna. L-għażla għalhekk tidher li għadha miftuħa sew.

Madankollu, wieħed jista' xorta waħda jinnota tendenza fissa. It-terminu legali nużawh liberament biex, ngħidu aħna, issir distinzjoni bejn professjoni u oħra, jew bejn qasam u ieħor (professjoni legali u professjoni medika; konsulent legali u konsulent finanzjarju). Dan huwa l-fattur storiku, pereżempju l-legal procurators dejjem issejħu "prokuraturi legali". Hemm ukoll il-fatt illi t-termini msemmija fil-Liġijiet ta' Malta huma msejsa fuq liġi jew sezzjoni tal-liġi, jew jirreferu għaliha.

Min-naħa l-oħra, termini/frażijiet bħal persuna ġuridika (għall-kunċett ta' kumpanija) u sistema ġuridika (frażi mħaddma sew anki 'l barra mill-ambjent tal-Qorti) saru stabbiliti sal-punt li ftit li xejn niġu f'dubju dwarhom aħna u nittraduċu. Fil-fehma tiegħi, ir-raġuni għala nużaw "ġuridiku" u mhux "legali" fi frażijiet bħal persuna ġuridika u sistema ġuridika taf tkun dik biex ma ninqabdux nitkellmu dwar "persuna legali", jew "sistema legali", bħallikieku qed nimplikaw l-eżistenza ta' persuni jew sistemi li mhumiex legali. Barra minn hekk, persuna ġuridika hija kreatura tas-sistema kollha ta' liġijiet u regoli (mhux ta' liġi waħda) li kollettivament insejħulha: sistema ġuridika. Dan jikkuntrasta mat-terminu separazzjoni legali li huwa kunċett imsejjes fuq liġi waħda partikolari jew grupp ta' liġijiet speċifiċi.

Dan ikkonfermawh ukoll il-ġuristi lingwisti tal-Kummissjoni waqt diskussjoni reċenti dwar għandniex niktbu "bażi legali" jew inkella "bażi ġuridika". Filwaqt li kienu tal-fehma li ma teżistix differenza fit-tifsira taż-żewġ termini f'dan il-kuntest partikolari għax spiss is-saħħa tal-atti tal-Unjoni tkun ġejja minn att wieħed, liġi waħda jew iktar ta' spiss minn artikolu wieħed f'liġi (att) partikolari, xi kultant ikun meħtieġ li ssir distinzjoni fix-xenarju aktar wiesa'. Il-konsiderazzjoni prinċipali f'dawn il-każijiet għandha tkun jekk it-terminu hux jissejjes fuq xi liġi/liġijiet speċifiċi jew fuq is-sistema kollha, kif ukoll il-fattur storiku, jiġifieri dak li ilu stabbilit.

*Dr Marie Chantelle Bonniċi hi traduttriċi mal-Kummissjoni Ewropea*

# Il-Wiki Interistituzzjonali Malti (WIM)

Jeantide Naudi

Lejn l-aħħar tal-2014 id-Dipartiment tat-Traduzzjoni tal-Kummissjoni Ewropea nieda l-Wiki Inter-istituzzjonali Malti (WIM). L-għanijiet tal-WIM huma li:

1. Iservi ta' pjattaforma trasparenti ta':
i. komunikazzjoni bejn l-istituzzjonijiet f'materji ta' terminoloġija u l-applikazzjoni tagħha fit-traduzzjoni
ii. koordinazzjoni bejn l-istituzzjonijiet dwar inizjattivi terminoloġiċi
2. Jikkontribwixxi għal standardizzazzjoni terminoloġika skont standards rikonoxxuti tat-terminoloġija
3. Joħloq spazju għall-konsultazzjoni ma' esperti nazzjonali f'oqsma speċjalizzati li jkunu ta' rilevanza tematika għat-traduzzjoni
4. Jgħin fl-iżvilupp tal-konverżazzjoni terminoloġika Maltija fi ħdan l-UE, bl-għan li tissaħħaħ il-prassi terminoloġika u jiġu żviluppati gwidi u struzzjonijiet meħtieġa biex jiġu applikati fl-użu tat-terminoloġija.

**L-istruttura tal-WIM**

Il-WIM jagħmel parti mill-pjattaforma EurTerm – *European Union Terminology* li tipprovdi wikis lingwistiċi għad-diskussjoni ta' kwistjonijiet terminoloġiċi, lista ta' kuntatti tat-terminologi tal-istituzzjonijiet tal-UE u esperti oħra, ġabra vasta ta' glossarji istituzzjonali u riżorsi esterni (bħal bażijiet ta' termini) kif ukoll kalendarju għal kull avveniment organizzat b'rabta mat-terminoloġija.

**Konsultazzjoni esperta**

Il-paġna **Konsultazzjoni esperta** nħolqot sabiex it-terminologi tal-istituzzjonijiet tal-UE jkollhom mezz li jippermettilhom jikkomunikaw ma' diversi esperti nazzjonali skont il-qasam ta' għarfien espert tagħhom u jikkonsultawhom f'każ ta' diffikultajiet terminoloġiċi. Il-liġijiet tal-UE jittrattaw għadd kbir ta' oqsma li jkopru terminoloġija wiesgħa u varjata. Il-kuntatti humu utli għaliex mhux dejjem ikun faċli tinstab soluzzjoni għal ċerti termini speċifiċi u indispensabbli biex jgħinuna nużaw termini li forsi diġà jeżistu u li diffiċli wieħed ikun jafhom jekk ma jkunx midħla tal-qasam speċjalizzat. Barra minn hekk, dawn l-esperti jgħinuna wkoll nikkonfermaw ċerti għażliet meta t-terminu Malti ma jkunx jeżisti u jkun meħtieġ jinħoloq wieħed ġdid.

Nistiednu lil dawk il-qarrejja kollha li jaħdmu f'kamp speċjalizzat biex jekk jixtiequ jagħmlu parti minn dan in-netwerk ta' esperti jikkuntattjawna. L-uniċi rekwiżiti huma li wieħed ikun jaħdem f'wieħed mill-oqsma ta' konsultazzjoni murija hawn taħt jew ikun midħla sew tiegħu, jgħożż il-lingwa Maltija u xi ftit jew wisq ikun konxju mill-prinċipji terminoloġiċi.

Ħajr lil Reuben Seychell u lil Ludvic Azzopardi Ferrando li għenu mhux ftit biex jitnieda dan il-WIM. Ħajr ukoll lill-Kapijiet tal-kollaborazzjoni min-naħa tagħhom, lit-tradutturi li jressqu l-mistoqsijiet bid-diffikultajiet terminoloġiċi, lit-terminologi kollha involuti u lill-esperti li diġà ssieħbu f'dan il-WIM. Il-kontributi siewja tagħhom iżommu dan il-WIM ħaj u attiv.

Fl-aħħar iżda mhux l-inqas, nirringrazzja wkoll lil dawk l-esperti kollha li ilhom żmien jgħinuna f'ħidmietna u li dejjem ikunu lesti jagħtuna daqqa t'id kull meta nibagħtulhom xi diffikultà, kemm permezz tal-WIM kif ukoll bl-email jew bit-telefon. Nittamaw li dan in-netwerk jibqa' jikber u jservi dejjem aktar ta' pjattaforma ta' diskussjoni b'saħħitha u kostruttiva.

**Informazzjoni dwar l-aċċess għall-Wiki Interistituzzjonali Malti (WIM)**

**A. EU Login**

Biex tingħata aċċess għall-WIM u tikkontribwixxi bħala espert f'wieħed jew iktar mis-sitt oqsma ta' konsultazzjoni, l-ewwel nett irid ikollok kont "EU Login".
Ir-reġistrazzjoni għal kont "EU Login" hija faċli ħafna u tieħu biss ftit minuti.
A.1. Iftaħ l-istruzzjonijiet:
https://webgate.ec.europa.eu/cpnp/public/ecas-create.cfm
A.2. Biex tibda trid issegwi dan il-link:




A.3. Segwi l-istruzzjonijiet pass pass u jekk teħel ara ssibx tweġiba fl-FAQ:
https://webgate.ec.europa.eu/cpnp/faq/?event=faq.show
A.4. Biex tingħata aċċess għall-WIM trid tibgħatilna l-Unique identifier at the Commission (uid). Wara l-login, ikklikkja fuq il-ger fir-rokna ta' fuq, in-naħa tal-lemin u agħżel "My Account".




A.5. Ikklikkja fuq l-għażla "My Account Details".



Hemm għandek issib il-Unique identifier at the Commission (uid).
***Nota: malli jinħoloqlok il-kont jgħidlek mill-ewwel x'inhu l-uid tiegħek.***




Ibgħathulna flimkien mal-qasam ta' għarfien espert tiegħek f'dan l-indirizz:
DGT-MT-TERM@ec.europa.eu
Hekk kif nirċievu din l-informazzjoni nagħtuk aċċess għall-WIM.
A.6. Wara li nikkonfermawlek l-aċċess tista' tidħol fil-WIM.
F'każ ta' diffikultà tista' tibgħat email lil DGT-MT-TERM: DGT-MT-TERM@ec.europa.eu

**B. Il-WIM**

B.1.Biex ikollok aċċess għall-WIM l-ewwel trid tidħol fil-kont EU Login:
https://webgate.ec.europa.eu/cas
B.2. Imbagħad tista' tidħol fil-WIM billi ssegwi dan il-link:
https://webgate.ec.europa.eu/fpfis/wikis/display/MTTERM/MT+Term+Home
Fil-parti ta' fuq tal-paġna ewlenija tal-WIM issib introduzzjoni ġenerali filwaqt li fuq in-naħa tax-xellug hemm elenkati l-paġni disponibbli fil-WIM.

Il-parti li tikkonċerna l-esperti Maltin hija dik imsejħa **Konsultazzjoni esperta** li mbagħad tinqasam f'għadd ta' dominji:



### C. Fil-prattika kif jaħdem il-WIM?

C.1. Ngħidu aħna wieħed mit-terminologi tal-istituzzjonijiet jixtieq parir espert dwar l-ekwivalenti bil-Malti ta' *red sea bream.*

C.2. It-terminologu jiftaħ konsultazzjoni dwar dan is-suġġett fil-WIM billi jidħol fil-parti **Konsultazzjoni esperta** u mbagħad **Konsultazzjoni - Xjenza naturali u applikata**. Hekk kif it-terminologu jkun daħħal l-informazzjoni kollha li jixtieq jibda diskussjoni dwarha u jagħfas *save*, kull min irreġistra bħala espert fil-qasam ta' **Konsultazzjoni - Xjenza naturali u applikata** jirċievi notifika bl-email.

C.3. Mill-email ta' notifika tista' tagħfas **View page** biex tmur direttament fil-WIM u jekk ikollok soluzzjoni, suġġeriment jew kumment, ikklikkja fuq **Add comment**.

Tista' wkoll tindika li inti taqbel mas-suġġeriment mogħti minn min ħoloq l-entrata, jew forsi mas-suġġeriment ta' kollega, billi direttament fuq il-WIM jew saħansitra mill-email ta' notifika stess tagħfas **Like.**







C.4. Tista' taġġorna l-profil personali.



C.5. Tista' wkoll tikkontrolla kif tirċievi n-notifiki.




**D. Min iktar jista' jkollu aċċess għall-WIM?**

Jekk taħdem mal-Istituzzjonijiet Ewropej u għandek kont EU login, jew forsi diġà għandek kont EU Login bħala estern, faċli ħafna ssegwi d-deċiżjonijiet terminoloġiċi li jintlaħqu bejn it-terminologi tal-UE u li minn żmien għal żmien jiġu ppublikati fil-WIM.

D.1. Idħol fil-kont EU Login u żur il-WIM billi ssegwi dan il-link:
https://webgate.ec.europa.eu/fpfis/wikis/pages/viewpage.action?pageId=89166290

D.2. Ikklikkja fuq **Watch > Watch page > Watch all content in this space**.

B'dan il-mod, kull darba li terminologu jippubblika deċiżjoni ġdida, inti tiġi mgħarraf awtomatikament permezz ta' notifika bl-email.




*Jeantide Naudi hija terminologa mal-Kummissjoni Ewropea*

# MILL-GĦATBA 'L BARRA

*Aspetti Oħra*

## Lenti personali: il-karriera ta' traduttur u/jew ta' interpretu tal-konferenzi fl-istituzzjonijiet tal-UE

Clyde Triganza

Kif kemm-il darba spjegalna u wriena Ivan Said f'diversi ħarġiet ta' *l-aċċent*, il-professjoni ta' traduttur u ta' interpretu ilha teżisti fost il-Maltin anke jekk mhux dejjem kienet meqjusa jew indukrata bl-istess mod. Madankollu, is-sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropea fl-2004 donnha tat nifs ġdid u spinta kbira lil dawn iż-żewġ professjonijiet. Forsi ta' min wieħed jipprova jgħarbel dawn it-tnejn minn lenti personali u fil-kuntest tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea.

L-ewwel nett tajjeb li wieħed jiddistingwi bejniethom. Minkejja li wieħed jista' jqishom bħala żewġ naħat tal-istess munita, iż-żewġ professjonijiet jeħtieġu tekniki differenti u ħiliet differenti. Illum il-ġurnata, f'ħidmieti bħala traduttur nuża l-Malti **miktub** biex l-ewwel u qabel kollox inwassal il-messaġġ ta' awtur barrani bil-lingwa tiegħi. Min-naħa l-oħra, meta fl-imgħoddi kont naħdem bħala interpretu tal-konferenzi, f'ħidmieti kont nuża l-iktar il-Malti **mitkellem** biex bi lsieni (kemm dak litterali kif ukoll dak figurattiv!) inwassal il-messaġġ ta' kelliem barrani. Dik hija d-differenza ewlenija u ż-żewġ professjonijiet jirrikjedu taħriġ apposta u ħiliet speċifiċi proprju għaliex huma differenti. Ikun siewi li nixħtu ftit dawl fuqhom.

Xi kultant dak li jkun jistħajjel it-tradutturi jew l-interpreti tal-konferenzi bħal speċi ta' pappagall għax qishom 'jirrepetu' xi ħaġa bi lsien twelidhom. Anke jekk xi kultant xogħolhom jaf ikun ripetittiv, nemmen li min jaħsibha hekk ikun qed jiżgarra ġmielu. Ix-xbieha li tiġini f'moħħi, li iktar naħseb li tolqot il-musmar fuq rasu, hija dik ta' ħajjata. It-tradutturi u l-interpreti tal-konferenzi, bil-ħila kollha u b'sabar liema bħalu, iridu jaqbdu l-ħajt li jkollhom (il-kitba/id-diskors) u minnu jinsġu prodott skont l-ordni tax-xerrej (tal-awtur/tal-kelliem) u jfassluh bl-aqwa mod. Importanti immens li l-ordni tiġi rrispettata, għaliex inkella żgur li x-xerrej ma jkunx kuntent.

Għalhekk, xogħolhom huwa li l-**messaġġ** iwassluh bl-iżjed mod **konsistenti** u **koerenti** possibbli. Xogħol il-ħajjat ma jkunx għalih imma għal ħaddieħor, u bl-istess mod it-tradutturi u l-interpreti tal-konferenzi jaħdmu għal ħaddieħor (is-semmiegħa jew il-qarrejja) biex **jiffaċilitaw il-komunikazzjoni**. Minkejja dan, ħajjat vera tajjeb, wara li jkun ħejja, irrakkma, xellel jew ta l-keffa, tant ikollu xogħlu bizzilla, li jkun qisu għamlu għalih. Jien tal-fehma li traduttur jew interpretu tal-konferenzi jrid jimmira li jilħaq dan l-istess



għan. B'hekk tassew nemmen li bħall-ħajjata tajbin, irid ikollhom l-amor proprju għal xogħolhom f'kull waqt.

Differenza importanti oħra bejn iż-żewġ professjonijiet hija li filwaqt li l-interpreti tal-konferenzi jridu jwasslu prodott f'qasir żmien u bi spirtu pront, it-tradutturi għandhom il-possibbiltà li jqisu mitt darba u jaqtgħu darba. Minkejja li mal-ewwel daqqa t'għajn dan jaf jidher bħala xi lussu, fil-verità hija wkoll sikkina taqta' minn żewġ naħat għax ifisser li xogħol it-traduttur mistenni jkun pjuttost mirqum u preċiż għax m'għandux l-iskuża li ma setax juża xi għodod ta' għajnuna. Piż ieħor li skonti pjuttost iwassal biex id-diffikultà taż-żewġ professjonijiet tkun l-istess, huwa li għad-differenza tal-interpretar, it-traduzzjoni tinkiteb u kif stqarr eluf ta' snin ilu Caius Titus f'diskors lis-Senat Ruman, "*verba volant, scripta manent*", jiġifieri l-kliem li jingħad bil-fomm jintesa faċilment, iżda l-kliem bil-miktub jibqa' (u b'hekk jorbot iktar). Għalhekk, importanti li traduttur ma jkunx xi ħadd li jikkuntenta jew agħar iraqqa' l-pannu bil-qara' aħmar iżda jkun tassew xi ħadd li jippika miegħu nnifsu u jibqa' sakemm isib tarf kull kobba mħabbla li jiltaqa' magħha hu u jwettaq xogħlu.

Proprju għaliex it-tradutturi jew l-interpreti tal-konferenzi, fil-każ tagħna, huma uffiċjali tal-istituzzjonijiet Ewropej, bis-saħħa ta' xogħolhom qed joffru servizz u dan jeħtieġ

ikun tal-eqqel kwalità dejjem, iktar u iktar meta dan ikun bil-miktub. Naħseb li hawnhekk is-sodisfazzjon f'ħidmet it-tnejn hija l-muftieħ ta' kollox. Is-sodisfazzjon mhuwiex dirett iżda iktar jinkiseb fit-tul, meta x-xogħol jitlesta. Kemm it-traduttur iżda wisq iktar l-interpretu tal-konferenzi jiksbu s-sodisfazzjon iżjed ma dak li jkun jidra jaqra/jisma' xogħolhom mingħajr ma jiddarras jew meta tant jafdahom li permezz ta' ħidmiethom u tas-servizz li qed joffru dak li jkun jista' jwettaq xogħlu sew mingħajr intoppi u mingħajr ma jkollu għalfejn jirrikorri għall-oriġinal. Dan mhux dejjem ikun il-każ, speċjalment għat-traduttur li jaħdem fl-uffiċċju. Madankollu, il-qofol ta' xogħol l-interpretu tal-konferenzi jew tat-traduttur isir minn wara l-kwinti.

Għalhekk, mill-esperjenza personali, nemmen li importanti li kemm l-interpretu tal-konferenzi, iżda wisq iktar it-traduttur, iżomm f'moħħu li s-servizz li joffri jrid ikun ta' kwalità li tkun ta' ġieħ għall-istituzzjoni li qed jaħdem għaliha. Il-kwalità tas-servizz li jkun qed joffri m'għandhiex tvarja skont jekk is-servizz jintużax jew le. Illum il-ġurnata, il-mezzi tal-komunikazzjoni tkattru u bil-vidjokonferenzi jew bl-għodod tal-ġbir tat-testi diġitali minn fuq l-internet jaf xogħlok ma jkollux effett biss fl-immedjat jew għan-nies ta' madwarek, imma fuq medda itwal ta' żmien u fuq firxa usa' ta' nies. Bl-internet u bil-midja soċjali, qatt ma tista' tkun ċert min se jkollu aċċess għal xogħlok u meta se jiġi apprezzat jew imwaqqa' għaż-żufjett. B'xorti ħażina, il-ħażin ta' darba u twaqqigħ għaċ-ċajt donnhom iqanqlu iżjed interess milli t-tajjeb li jsir ta' kuljum. Għaldaqstant, nemmen li l-għan ewlieni ta' kull professjonist huwa li jagħmel ħiltu u jistinka sabiex wara kull ġurnata xogħol, b'kuxjenza safja jkun jista' jħares lejn il-mera u jgħid "Għamilt ħilti biex nipproduċi biċċa xogħol tajba".

Fl-imgħoddi, fil-ħidma tiegħi bħala interpretu tal-konferenzi, id-dokumenti l-iktar ikkumplikati u dawk li s-soltu l-iktar li jrabbu t-trab fuq l-ixkaffa kienu l-iżjed importanti u kienu l-iktar li kont niġi bżonn qabel ma nidħol fil-kabina. Frott l-għaraq ta' xbin it-tradutturi kont nintebaħ bih meta t-traduzzjoni ta' dokument ikkumplikat kienet tgħinni biex meta nidħol fil-kabina nkun biżżejjed midħla tat-terminoloġija diffiċli biex inwassal il-messaġġ b'mod preċiż u bit-terminoloġija korretta.

F'ħidmieti fl-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, kemm fil-qasam tal-interpretar tal-konferenzi kif ukoll dak tat-traduzzjoni, kelli l-opportunità li nara b'għajnejja li dawk li l-iktar kienu ibsin magħhom infushom u tassew fitti f'ħidmiethom kienu wkoll dawk li x-xogħol tagħhom kien iservi ta' eżempju għall-oħrajn u anke għalija. Kif jgħidu, l-eżempju jkaxkar, fit-tajjeb u fil-ħażin. Bis-saħħa tal-eżempju tajjeb u tax-xogħol siewi ta' xi wħud, maż-żmien irnexxieli nsir uffiċjal tal-Kummissjoni Ewropea, u fiċ-ċokon tiegħi nittama li billi niġbed ħabel wieħed mal-kollegi tiegħi, għemili u ħidmieti jkunu ta' għajnuna mhux biss għall-qarrejja iżda wkoll għal ħaddieħor li tassew ikun jixtieq jidħol b'ruħu u ġismu għall-karriera ta' traduttur u/jew ta' interpretu tal-konferenzi fl-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea.

*Clyde Triganza hu traduttur mal-Kummissjoni Ewropea*

# Giovanni Falzon: traduttur tas-Salmi

Mons. Lawrenz Cachia

Fis-sena 1926 l-għaqda Protestanta *British and Foreign Bible Society* (BFBS) ippubblikat il-Ktieb tas-Salmi bil-Malti. Dan il-ktieb, stampat Londra, ma fih imkien l-isem tat-traduttur, iżda mill-korrispondenza ta' dik is-Soċjetà nafu li t-traduttur kien Giovanni Falzon, Malti li dik il-ħabta kien joqgħod Tuneż. Kienet bagħtitu hemm il-*World Evangelical Alliance* (WEA) biex jaħdem fost il-Maltin tal-post li kienu jgħoddu mat-12,000. Dan Falzon kien qassis reliġjuż Kattoliku (Agostinjan mill-Furjana) li flimkien ma' eks saċerdot reliġjuż ieħor, Ġużeppi Maurin, qaleb għar-reliġjon Protestanta. Ġew skumnikati t-tnejn li huma mill-Arċisqof Pietru Pace f'April tal-1913.[1]

Ġużeppi Maurin ukoll kien ipprova jagħmel xi traduzzjonijiet tal-Bibbja bil-Malti għall-istess Għaqda iżda xogħlu ma ntgħoġobx u ma tħalliex ikompli. Għall-kuntrarju, ix-xogħol ta' Falzon intlaqa' tajjeb mill-mexxejja tas-Soċjetà msemmija li għalkemm ma stampawlux kollox, ippubblikawlu s-Salmi. Barra mis-Salmi, Falzon ittraduċielhom ukoll Vanġelu u ittra tat-Testment il-Ġdid.

Fit-traduzzjonijiet tiegħu, Falzon mexa prinċipalment fuq il-Bibbja Taljana ta' Giovanni Diodati. Diodati twieled fl-1576 f'Ġinevra, iżda l-familja tiegħu kienet Taljana minn Lucca. Kien professur tat-teoloġija, ministru Kalvinista, u traduttur tal-Bibbja mill-ilsna oriġinali għat-Taljan (1603) u għall-Franċiż (1644).

Fil-korrispondenza tiegħu mal-BFBS, Giovanni Falzon insista ħafna li ried jagħmel traduzzjoni għall-Malti li tinftiehem minn kulħadd. Ried jevita kliem qadim li ntesa u kliem ieħor li seta' ma jinftiehemx. Falzon ma kienx qed jirreferi għat-traduzzjonijiet tal-Professur Saydon, għax dawn kienu għadhom ma bdewx jidhru. Kellu f'moħħu t-traduzzjonijiet ta' M. A. Vassalli u ta' Dun Mikiel Anġ Camilleri, li saru għall-Protestanti,

L-ewwel traduzzjoni tas-Salmi bil-Malti saret mir-Rev. M. A. Camilleri li qaleb is-Salmi mill-Ebrajk u stampahom bħala żieda mal-Ktieb it-Talb ta' Għalenija (*The Book of Common Prayer*) li wkoll qalbu bil-Malti. Kollox deher stampat fis-sena 1845. It-traduzzjoni kienet iebsa u mhux kulħadd kien se jifhimha. Din kienet pubblikazzjoni Protestanta u r-Rev. M. A. Camilleri kien sar Protestant.

Fl-1845 Richard Taylor, Kattoliku, ħareġ edizzjoni tas-Salmi bil-Malti, iżda din kienet aktar parafrażi milli traduzzjoni tassew. Fl-1848 l-istess Taylor ippubblika traduzzjoni bil-Malti tal-Uffizzju u l-Quddies tal-Ġimgħa Mqaddsa u, f'din l-edizzjoni, għamel użu mis-Salmi ta' M. A. Camilleri b'xi tibdiliet żgħar.

Traduzzjoni oħra Kattolika tas-Salmi saret minn Alfons Marija Galea u dehret fis-sena 1929. Din kienet ibbażata fuq il-Latin tal-Vulgata.

Traduzzjonijiet aktar reċenti tas-Salmi bil-Malti huma dawk tal-Professur P. P. Saydon fil-Bibbja Saydon (l-ewwel edizzjoni 1950), ta' Patri Donat Spiteri fil-Bibbja tal-Għaqda Biblika Maltija (l-ewwel edizzjoni 1973), ta' Karmnu Zammit fil-Bibbja tiegħu tal-1980 u ta' Patri Gwido Schembri f'edizzjoni limitata tal-2006.

[1] Mons. Karm Sant, *Protestant Maltese Bible Translation: The Gospel of St Mark 1914-1915*, fil-*Journal of Maltese Studies*, 13 (1979) p. 97.



IL CTIEB TAS-SALMİ

SALM 1

[illegible]

1 Hieni il-bniedem li ma mexiex fil fehma tal hziena,
U ma uakafx fit-triek tal midimbin,
L'ankas kaghad fuk is-siggiu ta dauc li jidh[illegible]hku.
2 Izda il ghaxka tighu hia fil-ligi tal Mulei;
U fil-ligi tighu hua jahseb b'inhar u bil-leil.
3 U ieun bhala sig'ra imhaula hada is-suieki ta l'ilma,
Li jati il frott tighu fi zmienu;
U'l uerak tighu ma jidbielx;
U cull ma jghamel jisfa taiieb.
4 Mux hecc il hziena:
Izda huma bhas-sifa li ir-rih itajjar.
5 Ghalecc il hziena ma jekfux fil hakk,
L'ankas il midimbin fil migimgha tan-nies seuua,
6 Ghaliex il Mulei jgharaf it-triek tan-nies seuua;
Izda it-triek tal hziena tintilef.

SALM 2

[illegible]

1 Il ghala ix-xeuxu il g'nus,
U innies jahsbu huejjeg' fiergha ?
2 Is-slaten ta l'art instabu flimchien,
U il hakkiema fteghmu beiniethom,
Contra il Mulei, u contra il Midluc tighu, u *kalu*,
3 Naktau ir-rbati tahhom,
U inuaddbu il bghid minna il hbula tahhom.
3

Silta mit-traduzzjoni ta' *Il-Ktieb tas-Salmi* ta' G. Flazon

u li kienu miżgħuda kliem 'tqil'. Iżda dak li qal Falzon jista' jiġi applikat ukoll xi ftit għal Saydon. Għalkemm Saydon kellu ħafna merti, meta bdiet issir il-Liturġija bil-Malti, inħasset il-ħtieġa li ssir traduzzjoni ġdida għax dik ta' Saydon ma niżlitx tajjeb mal-Kattoliċi Maltin li jiffrekwentaw il-Liturġija regolarment.

Il-fatt li Falzon ried jevita ċertu kliem qadim ma jfssirx li hu daħħal ħafna kliem bit-Taljan bla bżonn. L-għażla tal-kliem hija bilanċjata ħafna, iżda fejn ħtieġlu jdaħħal kelma ta' nisel Taljan ma qagħadx jiddejjaq, basta n-nies jifhmuha. Biex inġib eżempju wieħed, fis-Salm 118, vers 22 naqraw: "Il-ġebla li sebqu l-benneja saret ras il-kantuniera". Il-verb "sebaq" huwa ta' nisel Semitiku (għalkemm hawn qed jintuża ħażin) iżda n-nom "kantuniera" huwa ta' nisel Rumanz. Min-naħa l-oħra, fit-traduzzjoni tal-Għaqda Biblika naqraw "Il-ġebla li warrbu l-bennejja saret il-ġebla tax-xewka".

Dwar l-ortografija Falzon kien sema' li l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti kellha toħroġ xi regoli ġodda u xtaq jikseb kopja tagħhom, iżda ma rnexxilux. Ma ninsewx li r-regoli ħarġu fl-1924 u dak iż-żmien Falzon kellu ħafna mit-traduzzjoni lesta. Barra minn hekk, wara li ħarġu r-regoli tal-Għaqda, dawn damu ħafna ma bdew jintużaw, ħlief minn ftit. Għalhekk Falzon waqa' fuq l-ortografija bbażata fuq dik Taljana. Biex ifisser il-konsonanti tagħna ċ u ġ, flok jikteb tikka fuq rashom iqiegħed apostrofu warajhom. Hekk: c'ahad, g'abar (= ċaħad, ġabar). Iżda meta wara dawk il-konsonanti hemm vokali e jew i, l-apostrofu ma jintużax. Hekk: ceda, gera (= ċeda, ġera).

Jidher li Giovanni Falzon, għalkemm ġieli ftaħar (f'xi korrispondenzi) li għamel żmien twil jikteb f'gazzetta lokali bil-Malti, u li saħansitra ġieli tawh jikteb l-editorjali, ma kienx midħla biżżejjed tal-grammatika Maltija u għalhekk l-ortografija tkompli tidher stramba, pereżempju meta jħallat il-konsonanti għajn mal-akka: "Fejn hu Alla tahhom" (Salm 79 v 10); "U Alla kien jitmahhom" (Salm 81 v 16).

Wieħed jistenna li f'din it-traduzzjoni jiltaqa' ma' xi versi li ma jaqblux mal-Vulgata u xi drabi lanqas mat-traduzzjonijiet Protestanti moderni. Ngħidu aħna fit-Tieni Salm, fil-vers 12 naqraw: "Busu lil Iben!" kif hemm fil-King James Version. Iżda kulħadd jaqbel li dan il-vers huwa diffiċli ħafna u hemm traduzzjonijiet diversi tiegħu. Ħaġa oħra interessanti hija li xi drabi t-traduttur iżid xi kelma jew tnejn biex jiċċara s-sens, u meta jagħmel hekk juża l-korsiv.

Għandna napprezzaw li Falzon fehem l-importanza li t-traduzzjoni tal-Bibbja trid tkun fi kliem li jifhmu kulħadd. U dan huwa dak li pprova jagħmel.

| Traduzzjoni | Vers 22 (Salm 118)* | Sors |
|---|---|---|
| bil-Latin | Lapidem quem reprobaverunt aedificantes, hic factus est in caput anguli. | http://www.drbo.org/lvb/index.htm |
| bit-Taljan | La pietra scartata dai costruttori<br>è divenuta la pietra d'angolo. | http://www.bibbiaedu.it |
| bl-Ingliż | The stone which the builders refused is become the head stone of the corner. | http://www.o-bible.com/kjv.html |
| **Traduzzjoni bil-Malti** | | **Sena tal-pubblikazzjoni** |
| Richard Taylor | Dich il hagira li ma riedu<br>Il bennejja f'dakka 'l coll:<br>Ras ix-xeuca bilgiri saret<br>Tahchem collox hia ucoll. | 1846 |
| Giovanni Falzon[**] | Il-ġebla li sebqu l-benneja<br>saret ras il-kantuniera. | 1926 |
| L-Għaqda Biblika | Il-ġebla li warrbu l-bennejja<br>saret il-ġebla tax-xewka. | 1984 |
| Mons. Prof. Pietru Pawl Saydon | Il-ħaġra li rmew il-bennejja<br>saret ras il-għareb. | L-edizzjoni tal-MUSEUM, 1990 |
| Mons. Prof. Pietru Pawl Saydon | Il-ħaġra li rmew il-bennejja<br>saret ras ix-xewka. | L-edizzjoni tal-MUSEUM, 1995 |
| Il-verżjoni elettronika tal-Bibbja li hemm fuq Laikos.org | Il-ġebla li warrbu l-bennejja<br>saret il-ġebla tax-xewka. | |

***Ħajr lil Ivan Said għal din it-tabella***

[*] F'ċerti edizzjonijiet dan is-Salm jidher bħala Salm 118 u f'edizzjonijiet oħra jidher bħala Salm 117. Dan għaliex f'xi edizzjonijiet is-Salmi jingħaddu skont il-Bibbja Lhudija, li mis-Salm 10 sas-Salm 147 hi dejjem wieħed 'il quddiem mill-verżjoni Griega u mill-Vulgata. Ir-raġuni hi li s-Salm 9 tal-Bibbja Griega, fil-Bibbja Lhudija jinqasam fis-Salmi 9 u 10. Min-naħa l-oħra, is-Salmi 146 u 147 tal-Bibbja Griega jingħaqdu f'Salm wieħed, is-Salm 147 tal-Bibbja Lhudija. F'din il-verżjoni, fl-edizzjoni ta' Richard Taylor, il-vers jidher bħala l-vers 22 tas-Salm 117, għaliex it-traduttur qaleb mill-Vulgata Latina.

[**] Fl-artiklu *Protestant Bible translation into Maltese: The Book of Psalms 1919-1926* (*Journal of Maltese Studies*, il-Ħarġa Nru 15 tal-1983, pp. 3-13), Mons. Karm Sant jagħti ħafna eżempji oħra mit-traduzzjoni tas-Salmi ta' Giovanni Falzon u jqabbilhom kemm mat-test sors Taljan ta' Diodati kif ukoll ma' traduzzjoni oħra għall-Malti tat-traduttur M. A. Camilleri.

***Nota dwar l-awtur**: Fl-2013, il-Mons. Cachia ħareġ* L-Istorja tal-kotba Mqaddsa Maqlubin bil-Malti *– b'referenza speċjali għall-Ewwel Traduzzjoni tas-Salmi. Fih insibu, fost affarijiet oħra, studju tal-vokabularju tal-Ktieb tas-Salmi tar-Rev. Mikiel Anġ Camilleri (1845-1847), eks saċerdot Kattoliku li ngħaqad mal-Knisja Anglikana.*

*Fi Frar tal-2016 ħareġ edizzjoni ġdida tal-Lexicon, id-dizzjunarju Malti-Latin-Taljan li Mikiel Anton Vassalli ħareġ fl-1796.*

# L-aħħar rettifiki fl-ortografija Franċiża

Stephanie Bugeja

Kull riforma fl-ortografija ta' lingwa, jew imqar rettifika tagħha, żgur u mhux forsi toħloq polemiki kbar. Fil-kuntest tal-Malti, din ir-reżistenza diġà rajnieha meta l-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti ħareġ id-deċiżjonijiet tiegħu fl-2008, u ilna minn dak iż-żmien naqraw diversi dibattiti fuq il-midja soċjali rigward deċiżjonijiet u rettifiki li jolqtu l-lingwa tagħna. Il-kwistjoni tal-kliem li dieħel fil-Malti mill-Ingliż ilha tħassibna, għax daqskemm insibuha faċli biex, aħna u nitħaddtu, induru mill-ewwel għal xi kelma bl-Ingliż, daqstant ieħor neħlu meta niġu biex niktbuha. Ftit xhur ilu l-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti ppreżenta l-proposti tiegħu għall-kitba ta' kliem bħal dan, u qed jerġa' jikkonsulta mal-pubbliku ġenerali qabel jippubblikahom.

Kmieni din is-sena kienu r-rettifiki fl-ortografija Franċiża li qajmu rivoluzzjoni sħiħa fuq il-midja soċjali. Il-puristi lingwistiċi Franċiżi u anke l-pubbliku ġenerali esprimew ir-rabja tagħhom meta tħabbar li madwar 2,000 kelma ntlaqtu mit-tibdil. Bħalma sikwit jiġri fuq il-midja soċjali, ġew iċċirkolati ineżattezzi li komplew jallarmaw lill-pubbliku għalxejn, bħal pereżempju li kienu se jtajru minn fuq ras il-Franċiżi dak il-kappell ċkejken li tant hu għal qalbhom, l-aċċent circonflexe. F'kemm ili ngħidlek ingħaqdu eluf fil-kampanja #JeSuisCirconflexe.

L-idea għal dan l-artiklu [...] ġejja mill-ħsieb tiegħi li r-reżistenza lejn rettifiki fil-lingwa miktuba [...] tonqos, ladarba wieħed jesponi ruħu anki għal dak li jiġri f'lingwi differenti.

Ta' min wieħed jgħid li dawn ir-rettifiki mhumiex xi ħliqa riċenti. Ħafna kienu dawk li ma kellhomx l-iċken idea li kienu ġew deċiżi 26 sena ilu. Fil-fatt kien l-24 ta' Ottubru 1989 meta l-Prim Ministru Franċiż, Michel Rocard, talab lill-Conseil supérieur de la langue française biex iressaq proposti bl-għan li jelimina l-inċertezzi u l-kuntradizzjonijiet li kienu żviluppaw fil-lingwa ta' Molière.

Il-Conseil supérieur ħatar grupp ta' ħidma ta' esperti lingwisti u kkollabora mal-Académie française, mal-Conseil de la langue française du Quebec u mal-Conseil de la langue de la Communauté française de Belgique dwar diversi punti li joħolqu ħafna diffikultajiet, fosthom is-sing fin-numri, il-plural ta' kliem magħqud b'sing, l-aċċenti, il-verbi li jispiċċaw b'*-eler* u *-eter*, il-parteċipju passiv tal-verb



"laisser", il-kliem missellef, il-kliem kompost u ċerti anomaliji fil-lingwa. Minħabba l-fatt li ma kinux ta' natura obbligatorja, dawn ir-rettifiki ntesew sakemm fl-aħħar l-edituri tal-kotba edukattivi ddeċidew li jimplimentawhom fis-sena skolastika 2016.

L-idea għal dan l-artiklu dwar ir-riforma ortografika li għadha kif ġiet implimentata fil-każ tal-Franċiż ġejja mill-ħsieb tiegħi li r-reżistenza lejn rettifiki fil-lingwa miktuba, tkun liema tkun din il-lingwa, tonqos ladarba wieħed jesponi ruħu anki għal dak li jiġri f'lingwi differenti.

Ħafna drabi, id-diffikultajiet li niltaqgħu magħhom f'lingwa partikulari ma jkunux jitbiegħdu ħafna minn dawk preżenti f'lingwi oħrajn. Fil-bqija ta' dan l-artiklu se nagħti ħarsa ġenerali u fil-qosor lejn ir-rettifiki ewlenin li saru fl-ortografija u nippreżentalkom xi ftit eżempji u eċċezzjonijiet. Ir-rettifiki msemmija hawn isfel mhumiex eżawrjenti (fir-rapport tal-Conseil supérieur tad-19 ta' Ġunju 1990[1] wieħed isib ir-rettifiki u r-regoli kollha fid-dettall).

**Is-sing fin-numri**: in-numri kollha jingħaqdu b'sing, kemm jekk ikunu taħt kif ukoll 'il fuq minn mija (qabel, in-numri taħt il-mija biss kienu jingħaqdu b'sing).

| ortografija antika | ortografija ġdida |
| --- | --- |
| vingt-trois | vingt-trois |
| deux cents | deux-cents |
| deux cent soixante et onze | deux-cent-soixante-et-onze |

[1] http://www.academie-francaise.fr/sites/academie-francaise.fr/files/rectifications_1990.pdf.

**Il-plural ta' kliem magħqud b'sing**: meta t-tip ta' kliem bħal eż. "pèse-lettre" (verb+nom) u "sans-abri" (prepożizzjoni+nom) jitqiegħed fil-plural, huwa t-tieni element tal-kelma li jieħu l-plural. Il-kliem magħqud li jinkiteb b'ittra kapitali (pereżempju "des prie-Dieu") u l-kliem magħqud li għandu l-artiklu (pereżempju "des trompe-l'oeil") ma jieħdux il-plural.

| ortografija antika | ortografija ġdida |
| --- | --- |
| un compte-gouttes | un compte-goutte |
| des compte-gouttes | des compte-gouttes |
| un après-midi | un après-midi |
| des après-midi | des-après-midis |

**L-aċċent circonflexe**: dan l-aċċent jinżamm fuq l-ittri *a*, *e*, *o*, iżda mhuwiex obbligatorju fuq l-ittri *i*, *u*. Madankollu, l-aċċent jibqa' fil-verbi kkonjugati fil-passé simple u fis-subjonctif (pereżempju "nous suivîmes", "qu'il suivît"), fin-nomi proprji li ilhom jinkitbu b'dan l-aċċent (pereżempju "Nîmes") u meta jkun bżonjuż biex issir distinzjoni bejn żewġ kelmiet (pereżempju "jeune/jeûne", "mur/mûr")

| ortografija antika | ortografija ġdida |
| --- | --- |
| coût | cout |
| entraîner | entrainer |
| paraître | paraitre |

**L-aċċent tréma**: dan l-aċċent jitpoġġa fuq il-

vokali *u* minflok il-vokali *e* fil-kliem li għandu l-elementi *-güe* u *-güi* peress li hija l-vokali *u* li għandha l-aċċent fuqha. Barra minn hekk, l-aċċent tréma żdied f'ċertu kliem.

**L-aċċent grave**: se jintuża l-aċċent grave,

| ortografija antika | ortografija ġdida |
|---|---|
| ambiguë | ambigüe |
| ambiguïté | ambigüité |
| arguer | argüer |

pjuttost milli l-aċċent aigue, f'ċertu kliem partikolari, u fil-futur u fil-conditionnel tal-verbi li jiġu kkonjugati fuq il-mudell ta' "céder".

**Il-verbi li jispiċċaw b'*-eler, -eter***: dawn il-

| ortografija antika | ortografija ġdida |
|---|---|
| événement | évènement |
| réglementaire | règlementaire |
| je céderai | je cèderai |

verbi jiġu kkonjugati fuq il-mudell ta' "peler" jew "acheter", u n-nomi derivati minnhom li jispiċċaw b'*-ment* isegwu l-istess mudell bħall-verb. Il-verbi "appeler", "jeter" u l-verbi li joħorġu minn dawn it-tnejn (pereżempju "rappeler", "interpeler", eċċ.) huma eċċezzjonijiet.

**Il-parteċipju passiv tal-verb "laisser"**: il-

| ortografija antika | ortografija ġdida |
|---|---|
| il ruisselle | il ruissèle |
| ruissellement | ruissèlement |
| tu époussetteras | tu époussèteras |

parteċipju passiv tal-verb "laisser" segwit minn verb fl-infinittiv jibqa' l-istess fil-każijiet kollha.

**Il-kliem missellef**: il-kliem li ġej minn lingwi

| ortografija antika | ortografija ġdida |
|---|---|
| elle s'est laissée maigrir | elle s'est laissé maigrir |
| je les ai laissés partir | je les ai laissé partir |

oħra jifforma l-plural bl-istess mod bħall-kliem Franċiż u jieħu l-aċċent skont ir-regoli li japplikaw għall-kliem Franċiż. Il-kliem li jispiċċa b'*s*, *x* u *z* ma jiħux plural.

**Il-kliem kompost**: il-kliem li ġej minn lingwa

| ortografija antika | ortografija ġdida |
|---|---|
| des matches | des matchs |
| des misses | des miss |
| des jazzmen | des jazzmans |

oħra, il-kliem onomatopejku, il-kliem li jinkludi l-elementi *contr(e)-* u *entr(e)-* bħala prefissi, u l-prefissi li ġejjin mil-Latin jew mill-Grieg u li qatt ma jokkorru weħidhom bħal pereżempju *extra-*, *infra-*, *intra-*, *ultra-*, *hydro-*, *socio-*, u *poly-* jinkitbu magħqudin bħala kelma waħda mingħajr sing.

**Anomaliji**: tneħħew ċerti anomaliji li ma kinux

| ortografija antika | ortografija ġdida |
|---|---|
| week-end | weekend |
| contre-appel | contrappel |
| porte-monnaie | portemonnaie |
| entre-temps | entretemps |
| tic-tac | tictac |
| extra-terrestre | extraterrestre |

konformi mar-regoli ġenerali tal-kitba tal-Franċiż.

Bħala konklużjoni, huwa importanti li jingħad li l-ortografija l-ġdida hija rakkomandata iżda fl-ebda każ mhija obbligatorja. Iż-żewġ varjanti huma aċċettati u l-istudenti mhux se jiġu penalizzati jekk jiktbu "oignon" minflok "ognon". Meta ħareġ bil-proposta, il-Conseil supérieur żamm f'moħħu li mhuwiex faċli taċċetta bidla fl-ortografija wara li tkun ilek għomrok kollu tikteb b'ċertu mod. Dawn ir-rettifiki m'għandhomx l-għan li jaqilbu l-lingwa ta' taħt fuq, iżda li jżommu l-pass mal-evoluzzjoni naturali ta' lingwa ħajja u jiffaċilitaw it-tagħlim tagħha fl-iskejjel.

| ortografija antika | ortografija ġdida |
|---|---|
| oignon | ognon |
| nénuphar | nénufar |
| chariot | charriot |
| bonhomie | bonhommie |
| boursouflement | boursoufflement |

*Stephanie Bugeja hi traduttriċi mal-Parlament Ewropew*




Disinn: Stephanie Bugeja

# SHAKESPEARE BIL-MALTI

Clare Vassallo u Ivan Said



Matul is-sena 2016, id-dinja ċċelebrat l-400 anniversarju mill-mewt ta' Shakespeare, li xogħlijietu waslu għand ħafna qarrejja anki permezz tal-arti kważi inviżibbli tat-traduzzjoni. Fil-kuntest Malti, it-traduzzjoni tiegħu kellha sehem storiku bħala mezz biex jiġi prodott u trażmess l-għarfien kulturali u artistiku.

**Żviluppi fid-definizzjoni tat-traduzzjoni**

Meta nużaw il-kelma "traduzzjoni" ġeneralment ikollna f'moħħna dik li Roman Jakobson isejħilha "translation proper", jew traduzzjoni "interlingwistika".[1] B'dan wieħed jifhem li t-test tradott ikun viċin kemm jista' jkun, f'kull aspett, tat-test oriġinali. Fl-istorja tat-traduzzjoni letterarja din id-definizzjoni ftit li xejn kienet konsistenti.

Għaldaqstant wieħed jista' jitkellem fuq id-distinzjoni bejn it-traduzzjoni "stretta" u dik "libera". Tal-aħħar tagħti lok għal stil ta' xogħol adattiv fejn it-test mira xi ftit jew wisq ma jkunx viċin is-sors. Din l-id ħielsa tat-traduttur tkun ta' spiss akkumpanjata minn strateġija ta' domestikazzjoni fejn l-intenzjoni tat-traduzzjoni, jew aħjar, tal-adattament, tkun aktar viċin tal-aspettattivi letterarji tal-udjenza mira milli tat-test sors.

Fis-sekli 17 u 18, kienet in-norma tal-ġurnata li dan il-mod ħieles juża t-test sors bħala pjattaforma li fuqha kien jinbena test relatat mal-oriġinal, imma li kulturalment ixaqleb lejn il-gosti tal-udjenza. Fil-fatt, l-espressjoni *les belles infidelles* ġiet proprju minn dan l-atteġġament liberu tat-traduzzjoni ta' testi tal-ġeneru drammatiku fi Franza. L-adattamenti ta' drammi minn lingwi u kulturi differenti kienu jitqiesu b'mod pożittiv u mhux bħallikieku xi traduzzjoni li awtomatikament ittellef mill-oriġinal. Imbagħad, fil-Ġermanja tas-seklu 19, il-mudell ta' x'inhi traduzzjoni valida beda jinbidel. In-normi tat-traduzzjoni bdew jiffukaw l-iktar fuq il-lealtà lejn is-sors. Dan il-fenomenu beda jinfirex fil-bqija tal-Ewropa.

---

[1] Ara *On Linguistic Aspects of Translation* ta' Jakobson (1959), kif ukoll id-diskussjoni ta' Eco f'*Experiences in Translation* (2001) u *What's so 'Proper' About Translation?: Or Interlingual Translation and Interpretative Semiotics* ta' Vassallo (2015).

| Xogħlijiet ta' Shakespeare ippubblikati bil-Malti | | | |
|---|---|---|---|
| **Is-sena tal-pubblikazzjoni** | **Isem ix-xogħol bil-Malti** | **Isem ix-xogħol bl-Ingliż** | **It-traduttur malti** |
| 1907 | *Otello Jeu l'isued ta Venezia – Dramm Imkassam fi prologu u hames atti – Riduzioni ta Giuseppe Bartoli* | Othello | Giuseppe Bartoli |
| 1907 | *Amleto – Princep tad-Danimarca – Tragedia b-6 Atti ta W Shakespeare – Traduzioni ta Carmelo Grima* | Hamlet | Carmelo Grima |
| 1924 | Otello | Othello | Giuseppe Cumbo |
| 1925 | *Amleto – Grajja tal Princep tad-Danimarca – Traduzioni ta Giuseppe Cumbo* | Hamlet | Giuseppe Cumbo |
| 1929 | *Il Mercant ta Venezia – Raccont storicu irrangiat mit-Tragedia ta W. Shakespeare u maklub ghal Malti minn Giuseppe Cumbo* | The Merchant of Venice | Giuseppe Cumbo |
| 1938 | *Giulietta u Romeo: raccont ta cbira imhabba ta William Shakespeare* | Romeo and Juliet | Giuseppe Cumbo |
| 1970 | *Ġulju Ċesri* | Julius Caesar | Valentin V. Barbara |
| 1971 | *Ħamlet* | Hamlet | Ġużé Bartolo |
| 1974 | *Makbet* | Macbeth | F. X. Mangion* |
| 1994 | *Romeo u Ġuljetta* | Romeo and Juliet | Alfred Palma |
| 1995 | *Il-Merkant ta' Venezja* | Merchant of Venice | Alfred Palma |
| 1996 | *It-Tnax-il Lejl* | Twelfth Night | Alfred Palma |
| 1996 | *L-Imqarba Immansata* | The Taming of the Shrew | Alfred Palma |
| 1996 | *Ħolma ta' Lejla f'Nofs is-Sajf* | Midsummer Night's Dream | Alfred Palma |
| 1996 | *Ir-Re Lear* | King Lear | Alfred Palma |
| 1996 | *Il-Kummiedja tal-Iżbalji* | Comedy of Errors | Alfred Palma |
| 1996 | *Macbeth* | Macbeth | Alfred Palma |
| 1996 | *It-Tempesta* | The Tempest | Alfred Palma |
| 1997 | *Hamlet* | Hamlet | Alfred Palma |
| 1997 | *Makbett* | Macbeth | Ġużé Bartolo |
| 1997 | *Hekk Kif Jogħġbok* | As You Like It | Alfred Palma |
| 1997 | *Ġulju Ċesri* | Julius Caesar | Alfred Palma |
| 2009 | 12-il sunett ta' Shakespeare tradotti għall-Malti mill-Ingliż | William Shakespeare's Sonnets, for the First Time Globally Reprinted: A Quartercentenary Anthology (with a DVD) | Oliver Friggieri |
| 2010 | *Is-Sunetti* | Sonnets | Alfred Palma |

* *Makbet* qatt ma ġie ppubblikat iżda xxandar fuq ir-Radju tal-Università u ġie kklassifikat fl-ewwel post fit-taqsima kulturali tal-ewwel konkors imniedi mill-Awtorità tax-Xandir f'Ġunju 1995.

Id-definizzjoni ta' traduzzjoni "tajba" qatt ma kienet waħda statika u dejjem iddependiet minn sett ta' normi li jinbidlu matul iż-żminijiet. Fil-bidu tal-istorja letterarja ta' pajjiżna, l-idea ta' traduzzjoni libera kienet aċċettata sew. Illum l-adattamenti radikali ma nqisuhomx traduzzjonijiet validi, imma naċċettawhom bħala passi fi proċessi intersemjotiċi fiċ-ċinema, fuq il-palk, u anki fil-kitba, bħala varjazzjonijiet u influwenzi importanti fl-istorja tal-letteratura u fil-kreattività.

**Shakespeare maqlub għall-Malti**

It-traduzzjoni letterarja mill-Ingliż għall-Malti damet ma qabdet art f'pajjiżna minħabba l-prevalenza tal-għarfien tal-lingwa u tal-kultura letterarja Taljana fuq dik Ingliża fost il-Maltin. Iżda dan l-għarfien Taljan qarreb lill-Maltin lejn l-opra lirika Taljana u allura lejn uħud mill-istejjer l-aktar importanti inklużi fil-korp letterarju Shakespearejan.

Wieħed mill-kontributuri ewlenin tat-traduzzjoni għall-Malti tax-xogħlijiet ta' Shakespeare fl-ewwel nofs tas-seklu 20 kien l-awtur, it-traduttur, l-istampatur u l-editur ta' ġurnal bil-Malti, Giuseppe Cumbo (1884-1948). Fost il-ħafna kotba li kiteb, qaleb, stampa u ppubblika hu stess naraw is-sensiela *l'imfahhra collezioni – Il cotba ta l'opri* li s-sitt ktieb tagħha huwa *Otello – Raccont Popolari*, eżempju elokwenti tal-influss operistiku Shakespearejan fuq it-traduzzjoni Maltija, ippubblikata fi proża narrattiva fl-1924.[2]









Giuseppe Cumbo u tlieta mill-pubblikazzjonijiet tiegħu

Sena wara, fl-1925, tana *Amleto – Grajja tal Princep tad-Danimarca*, filwaqt li fl-1929 ippubblika *Il Mercant ta' Venezia – Raccont Storicu irrangiat mit-Tragedia ta' W. Shakespeare.* Fl-1938 Cumbo xandar *Giulietta u Romeo – Raccont ta cbira imhabba ta William Shakespeare*. Cumbo qaleb it-tliet xogħlijiet fi proża narrattiva.

[2] L-istorja ta' Otello kienet diġà dehret f'*Otello – rumanz mill'isbah mictub ghal poplu* li ħareġ fl-1893. Bl-ebda mod ma nistgħu nsejħulu traduzzjoni tat-traġedja Shakespearejana peress li sa mill-qoxra l-awtur anonimu jgħidilna li kien meħud minn ktieb Taljan. Minkejja dan, fid-daħla l-awtur anonimu jurina b'mod ċar li hu konxju tad-dramm ta' Shakespeare: "Din il-ġrajja ġiet miktuba għall-ewwel darba bit-Taljan minn Geraldo Cintio, imbagħad minn Shakespeare … taħt għamla ta' dramm". L-istess awtur jgħidilna li dan id-dramm inkiteb mill-ġdid minn poeta Taljan u mmużikat minn Rossini u li fi żmienu reġa' nkiteb mill-poeta Boito u mmużikat minn Verdi.

"Jidher li Shakespeare huwa wieħed mill-aktar awturi Ingliżi li ħalla impatt qawwi fil-kitba ta' Cumbo," jikteb Kenneth Attard. "X'aktarx dan ġej mill-fatt li d-drammi ta' Shakespeare jippreżentaw kontenut li minnu nnifsu jappella għall-gosti tal-massa ladarba magħġun b'ingredjenti bħall-għira, il-mibegħda, il-qerq, il-kumplott u l-ambizzjoni."













Iżda t-traduzzjonijiet ta' Shakespeare bil-Malti ma bdewx ma' Cumbo. Fl-1907 naraw żewġ adattamenti fi proża drammatika: *Amleto – Princep tad-Danimarca b-6 atti ta W Shakespeare – Traduzioni ta Carmelo Grima* u *Otello Jeu l'Isued ta Venezia – Dramm Imkassam fi prologu u hames atti – Riduzioni ta Giuseppe Bartoli*. F'tal-aħħar naqraw li dan id-dramm ittella' għall-ewwel darba fit-Teatru Vittoria f'Tas-Sliema fis-26 ta' Frar 1905 mill-Compagnia Libertà.

It-traġedja ta' Macbeth inqalbet mill-anqas tliet darbiet: fl-1974 minn F. X. Mangion, fl-1996 minn Palma u fl-1997 minn Ġużé Bartolo, iżda l-aħħar tnejn biss ġew ippubblikati fi ktieb. It-traduzzjoni ta' Mangion ixxandret fuq ir-Radju tal-Università u t-trażmissjoni ġiet ikklassifikata fl-ewwel post fit-taqsima kulturali tal-ewwel konkors imniedi mill-Awtorità tax-Xandir f'Ġunju 1995.

Bejn l-1994 u l-1997 Alfred Palma qaleb u ppubblika 12-il biċċa xogħol drammatika ta' Shakespeare. Dawn jinkludu *Romeo u Ġuljetta* fl-1994, *Ġulju Ċesri* fl-1997 (tradotta wkoll minn Valentin Barbara u ppubblikata fl-1970) u *Ħamlet* fl-1997 (li nqalbet ukoll minn Bartolo fl-1971).












| Is-sunett nru 81 ta' William Shakespeare | | |
|---|---|---|
| **L-oriġinali ta' Shakespeare (fi Vendler p. 360)** | **It-traduzzjoni ta' Oliver Friggieri** | **It-traduzzjoni ta' Alfred Palma** |
| Or, I shall live your epitaph to make,<br>Or you survive when I in earth am rotten,<br>From hence your memory death cannot take,<br>Although in me each part will be forgotten.<br>Your name from hence immortal life shall have,<br>Though I (once gone) to all the world must die;<br>The earth can yield me but a common grave,<br>When you entombed in men's eyes shall lie:<br>Your monument shall be my gentle verse,<br>Which eyes not yet created shall o'er-read,<br>And tongues to be your being shall rehearse,<br>When all the breathers of this world are dead;<br>You still shall live (such virtue hath my pen)<br>Where most breathes, even in the mouths of men. | Jew jien se ngħix, niktiblek l-epitaffju,<br>Jew inti tibqa' kif jien fl-art nitmermer;<br>Minn hemm il-mewt tifkirtek le ma tieħu,<br>Għalkemm kull parti fija tkun minsija.<br>Minn dak in-nhar ismek se jgħix għal dejjem,<br>Għalkemm, la mort, ikolli mmut għad-dinja;<br>L-art tista' troddli biss qabar komuni,<br>Met'int, midfuna, f'ħars in-nies se toqgħod.<br>Ikun il-mafkar tiegħek vrusi ħelwa,<br>Li għad jaqraw għajnejn li mhux mitwielda;<br>Se jgħixu ħajtek ilsna li għad jiġu,<br>Meta l-maħluqa ta' din l-art imutu;<br>Int xorta tgħix (f'saħħitha l-pinna tiegħi)<br>Fejn nifs iniffes, – anki f'ħalq in-nies. | Jew se ngħix jien nagħmillek epitafiju,<br>Jew int meta fit-trab inkun nitherra;<br>Minn issa l-Mewt ma tisraqx tifkiritek,<br>Għadilli kollox tiegħi għad jintnesa.<br>Minn issa ismek se jkun immortali,<br>U jiena, darba tlaqt, immut għad-dinja:<br>L-art tista' troddli biss qabar komuni,<br>Met'inti f'wieħed jiġbed l-għajn titqiegħed,<br>Ikunu l-mafkar tiegħek dal-vrus ħlejja,<br>L' għad spiss jaqraw għajnejn għad mhux maħluqa;<br>U ilsna li għad jiġu għad iqawlu,<br>Meta min jgħix illum ikun ġa mejjet;<br>Int tibqa' tgħix – daqshekk qawwija pinnti –<br>Fejn l-aktar ħaj in-nifs, fuq fomm il-bniedem. |

Bis-saħħa tat-traduzzjonijiet ta' Palma, il-kumpanija teatrali Talenti, immexxija mid-direttur tagħha Mario Micallef daħħlet lil Shakespeare bil-Malti fit-Teatru Manoel meta fil-bidu ta' dan is-seklu tellgħet 10 xogħlijiet ta' Shakespeare bil-Malti, xogħol wieħed kull sena.

"Id-drammi bdejt niktibhom fl-1993, u bdejt b'*Romeo u Ġuljetta*," qalilna Palma f'email li bagħtilna bħala parti minn din ir-riċerka għal dan l-artiklu. "It-tnax-il dramm ippubblikajthom kollha spejjeż tiegħi, u peress li kont qed intella' ħafna dejn, u ma sibt għajnuna finanzjarja mingħand ħadd, kelli nieqaf nippubblika, iżda bqajt għaddej bit-traduzzjonijiet xorta waħda, u s-26 dramm li kien baqa' lestejthom kollha. Iżda kollha qegħdin ittajpjati jew manuskritti."

Palma qaleb u ppubblika s-sunetti kollha ta' Shakespeare fl-2010. Tnax minnhom qalibhom ftit qablu Oliver Friggieri u ppubblikahom f'*William Shakespeare's Sonnets, for the First Time Globally Reprinted: A Quartercentenary Anthology 1609-2009*.

Palma kompla jgħidilna li "xi xhur ilu bdejt indaħħalhom fil-kompjuter. U bdejt bin-*Nisa Ferrieħa ta' Windsor*. Jekk Alla jagħtini s-saħħa, intellagħhom bil-mod wieħed wieħed fuq il-kompjuter. Fost

dawk ittajpjati għandi: *Othello*, *Il-Ġrajja tax-Xitwa*, *Ħafna Frattarija Għalxejn*, *Coriolanus*, *Iż-Żewġ Ġentlomi ta' Verona*, *Ħidmet l-Imħabba Mitlufa*, *Kollu sew li Jintemm Sew*, *Miżura għal Miżura* u *In-Nisa Ferrieħa ta' Windsor* ... Il-ħidma fuq Shakespeare temmejtha fl-2013; jiġifieri ttraduċejt dawn id-drammi fuq medda ta' madwar 10 snin." Palma qalilna wkoll li wasal biex jippubblika *In-Nisa Ferrieħa ta' Windsor*.

Il-valur multiplu tat-traduzzjoni mhux biss jippermettilna nħarsu *verament* mill-qrib lejn ix-xogħlijiet minn lingwi u tradizzjonijiet oħra, iżda jiggarantixxi s-sopravivenza tax-xogħlijiet u l-influwenza tagħhom matul is-sekli, u jagħni l-letteraturi diversi. Ma teżistix xhieda aħjar għal dan mill-kitbiet ta' Shakespeare li miet 400 sena ilu, u li xogħlijietu għadhom jilħquna anke permezz tat-traduzzjoni.

**Biblijografija**


Attard, Kenneth. *Giuseppe Cumbo u r-rumanz tal-faxxikli*. Teżi tal-BA (Unuri) Malti, L-Università ta' Malta, 1995.

Bartoli, Giuseppe. *Otello Jeu l'Isued ta Venezia – Dramm Imkassam fi prologu u hames atti – Riduzioni ta Giuseppe Bartoli*, l-Imsida, 1907.

Cumbo, Giuseppe. *Amleto – Grajja tal Princep tad-Danimarca – Traduzioni ta' Giuseppe Cumbo*, Stamperija San Paolo, 1925.

Cumbo, Giuseppe. *Giulietta u Romeo – Raccont ta cbira imhabba ta William Shakespeare*, Stamperija San Paolo, 1938.

Cumbo, Giuseppe. *Il Mercant ta' Venezia – Raccont Storicu irrangiat mit-Tragedia ta' W. Shakespeare u maqlub ghal Maltin minn Giuseppe Cumbo*, San Paolo, 1929.

Cumbo, Giuseppe. *Otello – Racconti Popolari*, Tipografia editorial San Paolo Press, Valletta, 1924.

Eco, Umberto. *Experiences in Translation*, Toronto: University of Toronto Press, 2001.

Friggieri, Oliver. 12-il sunett ta' Shakespeare tradotti għall-Malti mill-Ingliż li dehru f'*William Shakespeare's Sonnets, for the First Time Globally Reprinted: A Quartercentenary Anthology 1609-2009,* editjat minn Manfred Pfister u Jurgen Gutsch, Dozwil T G Switzerland, Edition SIGNATUR, 2009.

Grima, Carmelo. *Amleto – Princep tad-Danimarca – Tragedia b-6 Atti ta' W Shakespeare*, Stampat għand Caruana, l-Imsida, 1907.

Grossman, Edith. *Why Translation Matters*, New Haven and London: Yale University Press, 2010.

Jakobson, *Roman. On Linguistic Aspects of Translation*, pp. 126-131 fit-tielet edizzjoni ta' *The Translation Studies Reader*. Editur Lawrence Venuti, Londra u New York: Routledge, 1959/2012.

Palma, Alfred. *William Shakespeare – Is-Sunetti,* Wise Owl Publications, 2010.

Vassallo, Clare. 'What's so Proper about Translation?: Or Interlingual Translation and Interpretative Semiotics' f'*Umberto Eco's Interpretative Semiotics: Interpretation, Encyclopedia, Translation*. Edituri: Cinzia Bianchi u Clare Vassallo, f'*Semiotica*, vol. 206, Issue 1/4. Berlin u Boston: De Grutyer: 2015.

Vendler, Helen. *The Art of Shakespeare's Sonnets*, Cambridge Mass.: The Belknap Press of Harvard University Press, 1997.



*Ivan Said hu traduttur mal-Kummissjoni Ewropea*

*Clare Vassallo tgħallem it-teorija tat-traduzzjoni fid-Dipartiment tal-Istudji tat-Traduzzjoni, l-Università ta' Malta*



http://ec.europa.eu/dgs/translation/publications/magazines

Jekk tixtieq tikkontribwixxi f'dan il-bulettin:

**l-accent@ec.europa.eu**



**Ċaħda**

*Il-Kummissjoni Ewropea, u kwalunkwe persuna li taġixxi f'isimha, mhumiex responsabbli għall-użu li jsir jew li jista' jsir mit-tagħrif inkluż f'din il-pubblikazzjoni. Dan il-bulettin mhuwiex pubblikazzjoni uffiċjali, u la l-Kummissjoni u lanqas is-servizzi tagħha ma huma marbutin b'xi mod jew ieħor mill-kontenut tiegħu.*